Il-Kummissjoni Ewropea

# L-ISTAT TAL-UNJONI

# 2020


*minn Ursula von der Leyen,*
*Il-President tal-Kummissjoni Ewropea*


**Brussell | is-16 ta' Settembru**

#SOTEU

**ec.europa.eu/soteu2020**

**MT**

Ta' kull sena f'Settembru, il-President tal-Kummissjoni Ewropea tagħmel id-Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew, fejn tanalizza r-riżultati milħuqin fis-sena ta' qabel u tippreżenta l-prijoritajiet għas-sena li ġejja. Il-President tistabbilixxi wkoll kif il-Kummissjoni Ewropea se tindirizza l-iktar sfidi urġenti li l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja. Wara d-diskors ikun hemm diskussjoni plenarja. Din tagħti bidu għal djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jitħejja l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

L-Indirizz dwar l-Istat tal-Unjoni, li għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat ta' Lisbona, huwa stipulat fil-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u jirrekjedi wkoll li l-President tibgħat Ittra ta' Intenzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-Presidenza tal-Kunsill fejn tippreżenta fid-dettall l-azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tkun beħsiebha tieħu permezz ta' leġiżlazzjoni kif ukoll permezz ta' inizjattivi oħra sal-aħħar tas-sena ta' wara.

Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, għamlet l-ewwel Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fis-16 ta' Settembru 2020.

Il-materjal kollu huwa disponibbli hawn http://ec.europa.eu/soteu2020.

# KONTENUT

**Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020** . . . . 4

**Ittra ta' Intenzjoni lill-President David Maria Sassoli u lill-Kanċillier Angela Merkel** . . . . 23

**Il-Kummissjoni von der Leyen: L-ewwel sena** . . . . 29

Kisbiet . . . . 30

1. L-ewwel 100 jum . . . . 32
2. Ir-rispons mingħajr preċedent tal-Ewropa għal kriżi mingħajr preċedent . . . 37
3. Ewropa aħjar wara l-pandemija . . . . 42

Kronoloġija . . . . 45

**L-ISTAT TAL-UNJONI 2020**

# Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020

# NIBNU D-DINJA LI RRIDU NGĦIXU FIHA: UNJONI TA' VITALITÀ F'DINJA TA' FRAĠILITÀ

Onorevoli President,

Onorevoli Membri,

Wieħed mill-ħassieba l-aktar kuraġġużi ta' żmienna, Andrei Sakharov – li tant għandu ammirazzjoni f'din il-Kamra – dejjem tkellem dwar **it-twemmin sod li kellu fis-saħħa mistura tal-ispirtu uman**.

**Fl-aħħar sitt xhur, l-Ewropej urew kemm tabilħaqq huwa b'saħħtu dak l-ispirtu uman.**

Rajnieh fil-ħaddiema tad-djar tal-kura, li daħlu jgħixu hemm biex jieħdu ħsieb lill-morda u lill-anzjani.

Fit-tobba u l-infermiera li saru membri tal-familja għal dawk li kienu qegħdin jieħdu l-aħħar nifs.

Fil-ħaddiema tal-ewwel linja li ħadmu jum wara lejl, ġimgħa wara ġimgħa, li ħadu r-riskji biex il-biċċa l-kbira minna ma jkollhomx għalfejn.

L-empatija, il-kuraġġ, u s-sens ta' dover tagħhom jispirawna – u dan id-diskors irrid nibdieh billi nagħti tribut lil kull wieħed u waħda minnhom.

L-istejjer tagħhom jgħidulna ħafna dwar l-istat tad-dinja u l-istat tal-Unjoni tagħna.

Juru l-qawwa tal-umanità u s-sens ta' vistu li se jibqa' fis-soċjetà tagħna għal ħafna żmien.

U **esponewlna l-fraġilità kollha li hemm madwarna**.

Virus li huwa elf darba iżgħar minn farka ramel wera kemm hija delikata l-ħajja.

Kixef il-pressjonijiet li hemm fuq is-sistemi tas-saħħa u l-limiti ta' mudell li jivvaluta l-ġid aktar mill-benessri.

Uriena aktar ċar il-fraġilità tal-pjaneta li qed naraw kuljum fil-glaċiera jdubu, fil-foresti jinħarqu, u issa, f'pandemiji globali.

Bidel saħansitra mġibitna u l-mod li bih nikkomunikaw – kellna nżommu 'l bogħod minn xulxin u ħeba lil wiċċna wara l-maskri.

Uriena **kemm tabilħaqq il-komunità tal-valuri tagħna hija fraġli** – u kemm jistgħu jitqajmu malajr id-dubji dwarha madwar id-dinja u saħansitra fl-Unjoni tagħna stess.

Iżda n-nies iridu joħorġu minn din id-dinja tal-virus, minn din il-fraġilità, minn din l-inċertezza. In-nies lesti għall-bidla u lesti li jagħmlu l-pass li jmiss.

U dan huwa l-mument għall-Ewropa.

Huwa l-mument biex l-Ewropa tiftaħ triq **lil hinn minn din il-fraġilità, lejn vitalità ġdida**. U huwa proprju dwar dan li nixtieq nitkellem illum.

> **U dan huwa l-mument għall-Ewropa.**
> **Huwa l-mument biex l-Ewropa tiftaħ triq lil hinn minn din il-fraġilità, lejn vitalità ġdida.**





Onorevoli Membri,

Qed ngħid dan, għax fl-aħħar xhur erġajna skoprjena l-**valur ta' dak li għandna flimkien**.

Bħala individwi, kollha **ssagrifikajna** parti mil-libertà personali tagħna għas-sikurezza ta' ħaddieħor.

U bħala Unjoni, ilkoll **qsamna bejnietna** parti mis-sovranità tagħna għall-ġid komuni.

Bdilna l-biża' u l-firda bejn l-Istati Membri f'**fiduċja** fl-Unjoni tagħna.

Urejna x'inhu possibbli meta **nafdaw** lil xulxin u meta **nafdaw** lill-istituzzjonijiet Ewropej tagħna.

U b'dan kollu, mhux talli għażilna li nsewwu u nirkupraw għall-preżent, iżda biex insawru stil ta' ħajja aħjar għad-dinja ta' għada.

**Dan huwa NextGenerationEU.**

Din hija l-opportunità tagħna li **nwettqu bidla ppjanata – mhux minħabba diżastru jew għax ħaddieħor jiddettalna**.

Ċans biex noħorġu aktar b'saħħitna billi **noħolqu l-opportunitajiet** għad-dinja ta' għada u **mhux biss nirreaġixxu għall-kontinġenzi** għad-dinja tal-bieraħ.

> **“Dan huwa NextGenerationEU. Din hija l-opportunità tagħna li nwettqu bidla ppjanata – mhux minħabba diżastru jew għax ħaddieħor jiddettalna.**

Għandna kulma neħtieġu biex dan inwettquh. Inżajna l-iskużi l-qodma u l-kumdità li dejjem żammejna lura. Għandna l-**viżjoni**, għandna l-**pjan**, u għandna l-**investiment**.

**Issa sar il-ħin li nxammru l-kmiem u naħdmu.**

Dalgħodu, bgħatt Ittra ta' Intenzjoni lill-President Sassoli u lill-Kanċillier Merkel – f'isem il-Presidenza Ġermaniża – li tindika l-pjanijiet tal-Kummissjoni għas-sena li ġejja.

M'iniex se nippreżenta kull inizjattiva llum, iżda rrid nindirizza dak li l-Unjoni trid tiffoka fuqu fit-12-il xahar li ġejjin.

## NGĦADDU MILL-BURRAXKA FLIMKIEN: INWETTQU L-WEGĦDA TAL-EWROPA

Onorevoli Membri,

In-nies tal-Ewropa għadhom qed ibatu.

Dan huwa żmien ta' ansjetà għal miljuni li qed jinkwetaw dwar saħħet il-familji tagħhom, il-futur tal-impjiegi tagħhom, jew sempliċiment kif se jwasslu għall-aħħar tax-xahar.

Il-pandemija, u l-inċertezza li ġġib magħha, għadha ma ntemmitx. U l-irkupru għadu fi stadju bikri.

Għalhekk, l-ewwel prijorità tagħna hija li ngħinu lil xulxin biex noħorġu minn din is-sitwazzjoni. Li nkunu hemm għal min għandu bżonn.

U bis-saħħa tal-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħna, l-Ewropa tista' tagħmel proprju dan.

Hija, qabelxejn, **ekonomija umana** li **tipproteġina** kontra r-riskji l-kbar tal-ħajja – il-mard, l-isfortuna, il-qgħad jew il-faqar. **Toffrilna l-istabbiltà** u tgħinna nassorbu x-xokkijiet aħjar. **Toħloq l-opportunità u l-prosperità** billi tippromwovi l-innovazzjoni, it-tkabbir, u l-kompetizzjoni ġusta.

Qatt qabel din il-**wegħda dejjiema ta' protezzjoni, stabbiltà u opportunità** ma kienet aktar importanti milli hi llum.

Ippermettuli nispjega għala.

**L-ewwel nett, l-Ewropa trid tkompli tipproteġi l-ħajjiet u l-għajxien.**

Dan huwa wisq aktar importanti fin-nofs ta' pandemija li mhi turi l-ebda sinjal li se tbatti.

Nafu kemm in-numri jistgħu jaħarbulna mill-kontroll malajr. Għalhekk **irridu nkomplu nindirizzaw din il-pandemija b'reqqa estrema, responsabbiltà, u unità**.

Fl-aħħar sitt xhur, is-sistemi u l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa tagħna għamlu l-mirakli.

Kull pajjiż ħadem biex jagħmel l-almu tiegħu għaċ-ċittadini tiegħu.

U l-Ewropa għamlet aktar flimkien milli qatt għamilna fl-imgħoddi.

Meta l-Istati għalqu l-fruntieri, aħna ħloqna l-korsiji ħodor għall-merkanzija.

Meta aktar minn 600,000 ċittadin Ewropew inqabdu barra minn pajjiżhom madwar id-dinja, l-UE ġabithom lura d-dar.

Meta xi pajjiżi introduċew projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti mediċi kritiċi, dan waqqafnieh u żgurajna li l-provvisti mediċi kritiċi setgħu jmorru fejn kienu meħtieġa.

Ħdimna mal-industrija Ewropea biex inżidu l-produzzjoni tal-maskri, tal-ingwanti, tat-testijiet u tal-ventilaturi respiratorji.

Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tagħna żgura li t-tobba mir-Rumanija setgħu jittrattaw lill-pazjenti fl-Italja, jew li l-Latvja setgħet tibgħat il-maskri lill-ġirien Baltiċi tagħha.

U dan ksibnieh mingħajr ma kellna l-kompetenzi sħaħ.

**Għalija huwa ċar daqs il-kristall – hemm bżonn li nibnu Unjoni tas-Saħħa Ewropea aktar b'saħħitha.**



U biex din tibda ssir realtà, irridu nisiltu l-ewwel tagħlimiet mill-kriżi tas-saħħa.

Għalija huwa ċar daqs il-kristall – hemm bżonn li nibnu Unjoni tas-Saħħa Ewropea aktar b'saħħitha.

Għandna bżonn li nagħmlu l-programm l-UE għas-Saħħa l-ġdid validu għall-futur. Huwa għalhekk li kont ipproponejt li nżid il-finanzjament, u ninsab grata li dan il-Parlament lest li jiġġieled għal aktar finanzjament u li jagħmel tajjeb għat-tnaqqis li għamel il-Kunsill Ewropew.

U għandna bżonn li **nsaħħu t-tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet** tat-theddid transfruntier għas-saħħa.

Bħala l-ewwel pass, se nipproponu li nsaħħu u li nagħtu s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u lill-ECDC – iċ-ċentru tagħna għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard.

**Dan se juri lill-Ewropej li l-Unjoni tagħna qiegħda hemm biex tipproteġi lil kulħadd.**

Bħala t-tieni pass, **se nibnu BARDA Ewropea** – aġenzija għar-riċerka u l-iżvilupp avvanzati fis-settur bijomediku. Din l-aġenzija l-ġdida se tappoġġa l-kapaċità u d-disponibbiltà tagħna li nirrispondu għal theddid u emerġenzi transfruntiera – ikunx ta' oriġini naturali jew intenzjonata. Għandna bżonn ħżin strateġiku biex nindirizzaw id-dependenzi fil-katina ta' provvista, partikolarment għall-prodotti mediċinali.

Bħala t-tielet pass, huwa ċar aktar minn qatt qabel li rridu niddiskutu l-kwistjoni tal-kompetenzi fil-qasam tas-saħħa. U naħseb li dan huwa kompitu nobbli u urġenti għall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa.

U minħabba li din kienet kriżi globali, hemm bżonn li nieħdu t-tagħlimiet globali. Huwa għalhekk li s-sena d-dieħla, flimkien mal-Prim Ministru Conte

u l-Presidenza Taljana tal-G20, se nlaqqa' fl-Italja Summit Globali dwar is-Saħħa.

Dan se juri lill-Ewropej li l-**Unjoni tagħna qiegħda hemm biex tipproteġi lil kulħadd**.

U għamilna proprju dan f'dak li jirrigwarda l-ħaddiema.

Meta ħadt il-kariga, ħlift li noħloq strument li jipproteġi lill-ħaddiema u lin-negozji mix-xokkijiet esterni.

Dan għax naf mill-esperjenza tiegħi bħala ministru għax-xogħol u l-affarijiet soċjali li dawn l-iskemi jaħdmu. Iżommu lin-nies fl-impjiegi, iżommu l-ħiliet fil-kumpaniji, u jżommu l-SMEs joperaw. L-SMEs huma l-mutur tal-ekonomija tagħna u se jkunu l-mutur għall-irkupru tagħna.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni ħolqot il-programm SURE. U rrid nirringrazzja lil din il-Kamra li ħadmet fuqu f'ħin rekord.

Jekk l-Ewropa sa issa evitat il-qgħad massiv li rajna fi mkejjen oħra, parti kbira minn dan huwa bis-saħħa tal-fatt li madwar 40 miljun ruħ applikaw għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

Il-ħeffa u l-għaqda fl-iskop fissret li issa 16-il pajjiż dalwaqt jirċievu kważi 90 biljun ewro minn SURE biex jappoġġaw lill-ħaddiema u lill-kumpaniji.

Mil-Litwanja sa Spanja, se jagħti s-serħan il-moħħ lill-kumpaniji li għandhom bżonn dak id-dħul biex ikollhom l-ikel fuq il-mejda jew iħallsu l-kera.

U se jgħin biex jiġu protetti miljuni ta' impjiegi, introjti u kumpaniji madwar l-Unjoni kollha tagħna.

**Din hija l-vera solidarjetà Ewropea fl-azzjoni.** U tirrifletti l-fatt li **fl-Unjoni tagħna, id-dinjità tax-xogħol trid tkun sagra**.

Iżda l-verità hija li għal wisq nies, ix-xogħol ma għadux iħallas.

Id-dumping fil-pagi qed jeqred id-dinjità tax-xogħol, jippenalizza l-imprendituri li jħallsu pagi deċenti u jagħmlu distorsjoni fil-kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni se tippreżenta proposta legali biex tappoġġa l-Istati Membri **biex jistabbilixxu qafas għall-pagi minimi**. Kulħadd irid ikollu aċċess għall-pagi minimi, sew permezz ta' ftehim kollettiv inkella permezz ta' pagi minimi nazzjonali.

Jien favur ħafna n-negozjar kollettiv u l-proposta se tirrispetta għalkollox il-kompetenzi u t-tradizzjonijiet nazzjonali.

F'bosta Stati Membri rajna kif paga minima nnegozjata tajjeb tagħmel l-impjiegi sikuri u toħloq il-ġustizzja – kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-kumpaniji li tassew jistmawhom.

**Il-pagi minimi jaħdmu – u wasal iż-żmien li x-xogħol jitħallas.**

**It-tieni wegħda tal-ekonomija soċjali tas-suq hija dik tal-istabbiltà.**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri rrispondew għal kriżi mingħajr preċedent b'rispons mingħajr preċedent.

Billi wriet li kienet **magħquda u adattata għal dan il-kompitu, l-Ewropa pprovdiet l-istabbiltà li l-ekonomiji tagħna kellhom bżonn**.

Il-Kummissjoni skattat minnufih il-**klawżola liberatorja ġenerali għall-ewwel darba fl-istorja tagħna**.

> **Billi wriet li kienet magħquda u adattata għal dan il-kompitu, l-Ewropa pprovdiet l-istabbiltà li l-ekonomiji tagħna kellhom bżonn.**



Tajna flessibilità lill-fondi u lir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tagħna.

Awtorizzajna aktar minn **tliet triljun ewro** f'appoġġ għall-kumpaniji u l-industrija: mis-sajjieda fil-Kroazja u l-bdiewa fil-Greċja, għall-SMEs fl-Italja u l-freelancers fid-Danimarka.



Il-Bank Ċentrali Ewropew ħa azzjoni deċiżiva permezz tal-programm PEPP tiegħu.

Il-Kummissjoni pproponiet NextGenerationEU u baġit rivitalizzat f'ħin rekord.

Dan jikkombina l-investiment ma' riformi ferm meħtieġa.

Il-Kunsill approvah f'ħin rekord.

Din il-Kamra qed taħdem biex tivvota dwaru bl-akbar ħeffa.

Għall-ewwel darba – u għal żminijiet eċċezzjonali – l-Ewropa stabbiliet l-għodod komuni tagħha biex tikkomplementa l-istabilizzaturi fiskali nazzjonali.

**Dan huwa mument ta' unità notevoli għall-Unjoni tagħna. Hija kisba li għandna nkunu lkoll kburin biha.**

Issa huwa ż-żmien li nibqgħu sejrin f'din id-direzzjoni. Ilkoll rajna l-previżjonijiet. Nistgħu nistennew li l-ekonomiji tagħna jerġgħu jibdew jiċċaqalqu wara tnaqqis ta' 12 % fil-PDG fit-tieni trimestru.

Iżda la l-virus għadu magħna, hekk ukoll l-inċertezza – kemm hawn fl-Ewropa, kif ukoll madwar id-dinja.

Għalhekk, dan ċertament **mhuwiex** il-waqt li nirtiraw l-appoġġ.

L-ekonomiji tagħna jeħtieġu appoġġ ta' politika kontinwu u se jkun hemm bżonn li jintlaħaq bilanċ delikat bejn li jingħata l-appoġġ finanzjarju u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali.

F'medda itwal ta' żmien, ma hemm l-ebda triq aħjar għall-istabbiltà u l-kompetittività milli permezz ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar b'saħħitha.

**Il-fiduċja fl-ewro qatt ma kienet aktar b'saħħitha.**

Il-fteħim storiku dwar NextGenerationEU juri l-appoġġ politiku li għandu.

Issa rridu nużaw din l-opportunità biex nagħmlu riformi strutturali fl-ekonomiji tagħna u li nlestu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni Bankarja.

Swieq kapitali fondi u likwidi huma essenzjali biex jagħtu aċċess lin-negozji għall-finanzjament li jeħtieġu biex jikbru u jinvestu fl-irkupru u fil-futur.

U huma wkoll prerekwiżit biex ikomplu jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-ewro. Allura, ejja nxammru l-kmiem u naħdmu biex fl-aħħar inlestu dan il-proġett ġenerazzjonali.

**Onorevoli Membri, it-tielet wegħda dejjiema hija l-wegħda tal-opportunità.**

Il-pandemija fakkritna f'bosta affarijiet li stajna nsejna jew għamilniehom fatta.

> **"Irridu nżarmaw l-ostakli tas-Suq Uniku. Irridu nneħħu l-burokrazija żejda. Irridu nintensifikaw l-implimentazzjoni u l-infurzar. U rridu nirrestawraw l-erba' libertajiet – fit-totalità tagħhom u kemm jista' jkun malajr.**

Ġejna mfakkrin kemm huma konnessi l-ekonomiji tagħna, u kemm huwa kruċjali li s-Suq Uniku jkun qed jaħdem tajjeb biex ikollna l-prosperità u biex l-affarijiet nagħmluhom bil-mod tagħna.

Is-Suq Uniku huwa kollu kemm hu dwar l-opportunitajiet – biex konsumatur ikollu valur għal flusu, biex kumpanija tbigħ kullimkien fl-Ewropa u biex l-industrija tixpruna l-kompetittività globali tagħha.

U għalina lkoll, jirrappreżenta l-opportunità li nagħmlu l-aħjar li nistgħu mil-libertajiet li ngħożżu bħala Ewropej. Jagħti lill-kumpaniji tagħna l-iskala li għandhom bżonn biex jiffjorixxu, u huwa post ta' kenn għalihom fl-għawġ. Niddependu fuqu ta' kuljum



biex nagħmlu ħajjitna aktar faċli – u huwa kritiku biex nimmaniġġjaw il-kriżi u nirkupraw saħħitna.

Ejjew nagħtuh spinta.

Irridu nżarmaw l-ostakli tas-Suq Uniku. Irridu nneħħu l-burokrazija żejda. Irridu nintensifikaw l-implimentazzjoni u l-infurzar. **U rridu nirrestawraw l-erba' libertajiet – fit-totalità tagħhom u kemm jista' jkun malajr.**

Il-qofol ta' dan hija żona Schengen ta' moviment liberu li tkun qed taħdem kif suppost. Se naħdmu mal-Parlament u mal-Istati Membri biex dan inqegħduh fuq quddiem fl-aġenda tagħna u se nipproponu **strateġija ġdida għall-futur ta' Schengen**.

Fuq il-bażi ta' dan is-suq intern b'saħħtu, l-industrija Ewropea ilha żmien twil talimenta l-ekonomija tagħna, tipprovdi għajxien stabbli għal miljuni ta' nies u toħloq il-fulkri soċjali li madwarhom inbnew il-komunitajiet tagħna.

Ippreżentajna l-istrateġija industrijali l-ġdida tagħna f'Marzu biex niżguraw li l-industrija tkun tista' tmexxi t-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali. L-aħħar sitt xhur komplew jaċċelleraw din it-trasformazzjoni – fi żmien li fih l-ambjent ta' kompetizzjoni globali qed jinbidel fundamentalment. Huwa għalhekk li se naġġornaw l-istrateġija industrijali tagħna fl-ewwel nofs tas-sena d-dieħla u nadattaw il-qafas tal-kompetizzjoni tagħna, li wkoll irid ilaħħaq.

## NIMBUTTAW L-EWROPA 'L QUDDIEM: NIBNU D-DINJA LI RRIDU NGĦIXU FIHA

Onorevoli Membri,

Dan kollu se jiżgura li l-Ewropa terġa' tqum fuq saqajha. Iżda aħna u ngħaddu minn din il-burraxka flimkien, irridu wkoll nimbuttaw lilna nfusna 'l quddiem fid-dinja ta' għada.

**Ma hemm xħtieġa aktar urġenti għall-aċċellerazzjoni milli għall-ġejjieni tal-pjaneta fraġli tagħna.**

Filwaqt li ħafna mill-attività dinjija ffriżat tul il-lockdowns u l-għeluq tan-negozji, il-pjaneta kompliet tisħon b'mod perikoluż.

Kull fejn inħarsu, dan jidher ċar: mid-djar evakwati minħabba l-kollass tal-glaċier fuq Mont Blanc, għan-nirien li qed jifnu l-istat ta' Oregon, għall-għelejjel fir-Rumanija li nqerdu mill-aktar nixfa qalila f'deċennji sħaħ.

> **“Nafu li hemm bżonn il-bidla – u nafu li dan possibbli. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-pjan tagħna biex inwettqu din it-trasformazzjoni.**

Iżda rajna wkoll lin-natura tidħol lura f'ħajjitna.

Konna għatxana għal spazji ħodor u arja aktar nadifa għas-saħħa mentali u għas-saħħa fiżika tagħna.

Nafu li hemm bżonn il-bidla – u nafu li dan possibbli.

**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-pjan tagħna biex inwettqu din it-trasformazzjoni.**

Fil-qalba tiegħu hemm il-missjoni tagħna li nsiru l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050.

Iżda mhux se naslu hemm bl-i*status quo* – irridu nħaffu aktar u naħdmu aħjar.

Ħarisna fil-fond lejn kull settur biex naraw kemm nistgħu naħdmu malajr u kif nagħmlu dan b'mod responsabbli u bbażat fuq l-evidenza.

Għamilna konsultazzjoni pubblika wiesgħa u wettaqna valutazzjoni tal-impatt estensiva.

Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li nżidu l-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal mill-inqas 55 %.



Nirrikonoxxi li din iż-żieda minn 40 għal 55 hija wisq għal xi wħud, waqt li għal oħrajn mhijiex biżżejjed.

Iżda l-valutazzjoni tal-impatt tagħna turi biċ-ċar li l-ekonomija u l-industrija tagħna jista' jirnexxilhom jagħmlu dan.

U huma dan iriduh ukoll. Ilbieraħ stess, 170 mexxej tan-negozju u investitur – min SMEs għal xi wħud mill-akbar kumpaniji fid-dinja – kitbuli biex jitolbu lill-Ewropa tistabbilixxi mira ta' mill-inqas 55 %.

Il-valutazzjoni tal-impatt tagħna turi biċ-ċar li jekk l-UE tilħaq din il-mira tkun fi triqitha biex tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u biex nilħqu l-obbligi tagħna tal-Ftehim ta' Pariġi.

U jekk ħaddieħor jimxi fuq il-passi tagħna, id-dinji se tkun kapaċi li żżomm it-tisħin taħt 1.5 gradi Celsius.

Naf li ħafna minn sħabna għadhom 'il bogħod minn dan – u se niġi lura għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fbejn il-Fruntieri aktar tard.

Iżda għalina, **il-mira tal-2030 hija ambizzjuża, fattibbli, u ta' benefiċċju għall-Ewropa**.

Aħna kapaċi nagħmlu dan. Diġà wrejna li kapaċi.

Filwaqt li l-emissjonijiet naqsu b'25 % mill-1990, l-ekonomija tagħna kibret b'aktar minn 60 %.

Id-differenza hija li issa għandna aktar teknoloġija, aktar għarfien espert, u aktar investiment. U diġà qegħdin fit-triq lejn ekonomija ċirkolari bi produzzjoni newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Għandna aktar żgħażagħ li qegħdin jirsistu għall-bidla. Għandna aktar provi li dak li huwa tajjeb għall-klima huwa tajjeb għan-negozju u huwa tajjeb għal kull wieħed u waħda minna.





U għandna l-wegħda solenni li ħadd ma jitħalla jibqa' lura f'din it-trasformazzjoni. Bil-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta se nappoġġjaw ir-reġjuni li għandhom bidla akbar u aktar għalja x'jagħmlu.

Aħna għandna kollox. Issa hija r-responsabbiltà tagħna li nimplimentaw kollox u li nagħmluha realtà.

Onorevoli Membri,

Li nilħqu din il-mira l-ġdida se jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq l-importazzjoni tal-enerġija, se joħloq miljuni ta' impjiegi ġodda u se jnaqqas it-tniġġis tal-arja b'aktar min-nofs.

Biex naslu, irridu nibdew issa.

Sas-sajf li ġej, se nkunu rrevedejna l-leġiżlazzjoni tal-klima u tal-enerġija tagħna biex nagħmluha "Fit for 55".

Se nsaħħu l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, nagħtu spinta lill-enerġija rinnovabbli, intejbu l-effiċjenza enerġetika, u nirriformaw it-tassazzjoni fuq l-enerġija.

**"Sas-sajf li ġej, se nkunu rrevedejna l-leġiżlazzjoni tal-klima u tal-enerġija tagħna biex nagħmluha "fit for 55".**

Iżda l-missjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tinvolvi aktar milli nnaqqsu l-emissjonijiet.

Hija li nagħmlu modernizzazzjoni sistemika fl-ekonomija, fis-soċjetà u l-industrija tagħna. **Hija li nibnu dinja aktar b'saħħitha biex ngħixu fiha.**

Il-livelli preżenti tagħna tal-konsum tal-materja prima, tal-enerġija, tal-ilma, tal-ikel, u tal-użu tal-art mhumiex sostenibbli.

Hemm bżonn li nibdlu l-mod li bih nittrattaw in-natura, kif nipproduċu u nikkunsmaw, kif nieklu u naħdmu, kif nieklu u nsaħħnu, kif nivvjaġġaw u nittrasportaw.

Għalhekk, se nindirizzaw kollox, mis-sustanzi kimiċi ta' riskju, għad-deforestazzjoni, għat-tniġġis.

Dan huwa pjan għal irkupru ta' veru. Huwa pjan ta' Investiment għall-Ewropa.

U huwa hawn li NextGenerationEU se jagħmel differenza reali.

L-ewwel nett, 37 % ta' NextGenerationEU se jintefqu direttament fuq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħna.

U jien se niżgura li se jieħu wkoll il-finanzjament ekoloġiku għal-livell li jmiss.

Aħna mexxejja globali fil-finanzjament ekoloġiku, u l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi fid-dinja. Qed immexxu t-triq biex niżviluppaw Standard tal-UE għall-Bonds Ekoloġiċi affidabbli.

U llum nista' nħabbar li se nistabbilixxu mira li **30 % tas-750 biljun ewro ta' NextGenerationEU jiġu miġbura permezz ta' bonds ekoloġiċi**.

It-tieni, NextGenerationEU għandu jinvesti fi proġetti fanal Ewropej bl-akbar impatt: l-idroġenu, ir-rinnovazzjoni u miljun punt ta' ċċarġjar elettriċi.

Ippermettuli nispjega kif dan jista' jaħdem:

Ġimagħtejn ilu fl-Iżvezja, proġett pilota uniku tal-azzar mingħajr l-użu ta' karburanti fossili beda jagħmel it-testijiet tal-operazzjonijiet. Dan se juża l-idroġenu minflok il-faħam biex jipproduċi l-azzar nadif.

Dan juri l-potenzjal tal-idroġenu li jappoġġa lill-industrija tagħna b'liċenzja ġdida u nadifa biex noperaw.

**Irrid li NextGenerationEU joħloq Widien ta' Idroġenu Ewropej ġodda** biex jimmodernizzaw l-industriji tagħna, jalimentaw il-vetturi tagħna u jagħtu ħajja ġdida liż-żoni rurali.

It-tieni eżempju huwa l-bini li ngħixu u naħdmu fih.

Il-bini tagħna jiġġenera 40 % tal-emissjonijiet tagħna. Hemm bżonn li jibda jaħli inqas, ikun irħas, u aktar sostenibbli.

U nafu li s-settur tal-kostruzzjoni jista' jinbidel minn emittent tal-karbonju għal bir ta' karbonju, jekk jintużaw materjali tal-bini organiċi bħall-injam u jekk jiġu applikati teknoloġiji intelliġenti bħall-intelliġenza artifiċjali.

**Irrid li NextGenerationEU jvara mewġa ta' rinnovazzjoni Ewropea** u li jagħmel l-Unjoni mexxejja fl-ekonomija ċirkolari.

Iżda dan mhuwiex biss proġett ambjentali jew ekonomiku: hemm bżonn li jkun proġett kulturali ġdid għall-Ewropa. Kull moviment għandu d-dehra u s-sensazzjoni tiegħu. U hemm bżonn li nagħtu lil din il-bidla sistemika tagħna l-estetika distinta tiegħu – li nikkombinaw l-istil mas-sostenibbiltà tiegħu.



**Huwa għalhekk li se nistabbilixxu Bauhaus Ewropew ġdid** – spazju ta' kokreazzjoni fejn arkitetti, artisti, studenti, inġiniera, u diżinjaturi jaħdmu flimkien biex iwettqu dan.



**Dan huwa NextGenerationEU. Dan huwa dak li jfisser li nsawru d-dinja li rridu ngħixu fiha.**

Dinja li hija moqdija minn ekonomija li taqta' l-emissjonijiet, li tagħti spinta lill-kompetittività, li tnaqqas il-faqar enerġetiku, li toħloq impjiegi sodisfaċenti u li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja.

Dinja li fiha nużaw it-teknoloġija diġitali biex nibnu soċjetà aktar f'saħħitha u ekoloġika.

Dan jista' jinkiseb biss jekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed, u se ninsisti li l-pjanijiet ta' rkupru mhux biss joħorġuna mill-kriżi iżda wkoll jimbuttaw lill-Ewropa lejn id-dinja ta' għada.

Onorevoli Membri,

Immaġinaw, għal mument, il-ħajja f'din il-pandemija mingħajr l-element diġitali. Mill-kwarantina – iżolati mill-familja u l-komunità u maqtugħin mid-dinja tax-xogħol – għal problemi kbar fil-provvista. Tabilħaqq, mhuwiex daqshekk diffiċli li nimmaġinaw



li dan kien il-każ 100 sena ilu fl-aħħar pandemija maġġuri.

Seklu wara, it-teknoloġija moderna qed tippermetti liż-żgħażagħ jitgħallmu mill-bogħod, u lil miljuni ta' ħaddiema li jaħdmu mid-dar. Ippermettew lill-kumpaniji jbigħu l-prodotti tagħhom, lill-fabbriki jibqgħu jaħdmu u lill-gvernijiet biex joffru servizzi pubbliċi kruċjali mill-bogħod. Rajna snin sħaħ ta' innovazzjoni u trasformazzjoni diġitali f'temp ta' ftit ġimgħat.

> **"Irridu nagħmlu dan id-Deċennju wieħed Diġitali għall-Ewropa.**

Qed nilħqu l-limitu tal-affarijiet li nistgħu nagħmlu b'mod analogu. U din l-aċċellerazzjoni l-kbira għadha fil-bidu.

**Irridu nagħmlu dan id-Deċennju wieħed Diġitali għall-Ewropa.**

Irridu pjan komuni għal Ewropa diġitali, b'għanijiet iddefiniti ċar għall-2030, bħal pereżempju għall-konnettività, għall-ħiliet u għas-servizzi pubbliċi diġitali. U hemm bżonn li nsegwu prinċipji ċari: id-dritt għall-privatezza u l-konnettività, il-libertà tal-kelma, il-fluss ħieles tad-data u ċ-ċibersigurtà.

**Iżda issa l-Ewropa trid tmexxi hi l-qasam diġitali - inkella se jkollha timxi wara ħaddieħor li qed jistabbilixxi dawn l-istandards għalina.** Huwa għalhekk li rridu nimxu malajr.

Hemm tlett oqsma li nemmen li hemm bżonn niffukaw fuqhom.

**L-ewwel, id-*data*.**

Rigward id-*data* personalizzata – min-negozju għall-konsumatur – l-Ewropa mxiet wisq bil-mod u issa qed tiddependi fuq ħaddieħor.

Dan ma jistax jiġri bid-*data* industrijali. U hawn l-aħbar it-tajba hija li l-Ewropa qiegħda fuq quddiem – għandna t-teknoloġija, u, kruċjalment, għandna l-industrija.

Iżda t-tellieqa sal-barkun. L-ammont ta' *data* industrijali fid-dinja se jkun erba' darbiet dak li hu llum fil-ħames snin li ġejjin – u l-istess se jiġri għall-opportunitajiet li jiġu magħha. Hemm bżonn li nagħtu lill-kumpaniji, lill-SMEs, lill-istartups u lir-riċerkaturi li jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħha. U d-*data* industrijali tiswa b'mitqilha deheb f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda.

Iżda r-realtà hija li 80 % tad-*data* industrijali tinġabar mingħajr qatt ma tintuża. Din hija ħela pura.

Ekonomija mmexxija mid-*data* ta' veru, min-naħa l-oħra, tkun mutur qawwi għall-innovazzjoni u għall-impjiegi ġodda. U huwa għalhekk li rridu naċċertaw li din id-*data* tkun tal-Ewropa u li nagħmluha aċċessibbli ħafna. Għandna bżonn spazji komuni għad-*data*, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija jew tal-kura tas-saħħa. Dan se jappoġġa l-ekosistemi tal-innovazzjoni li fihom l-universitajiet, il-kumpaniji u r-riċerkaturi jistgħu jaċċessaw u jikkollaboraw dwar id-*data*.

**U huwa għalhekk li se nibnu cloud Ewropea bħala parti minn NextGenerationEU** – ibbażata fuq GaiaX.

**It-tieni qasam li rridu niffukaw fuqu huwa dak tat-teknoloġija - u b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali**

Sew jekk hux qed nitkellmu fuq il-biedja ta' preċiżjoni fl-agrikoltura, id-djanjożi medika aktar preċiża jew inkella s-sewqan awtonomu bla periklu - l-intelliġenza artifiċjali se tiftħilna dinjiet ġodda. Iżda hemm bżonn li din id-dinja wkoll ikollha r-regoli.

Irid ikollna ġabra ta' regoli li permezz tagħhom innies jitqiegħdu fiċ-ċentru. L-algoritmi ma għandhomx ikunu kaxxa sewda u jrid ikun hemm regoli ċari jekk

xi ħaġa tmur żmerċ. Is-sena d-dieħla l-Kummissjoni se tipproponi liġi għal dan l-iskop.

Din se tkun tinkludi l-kontroll fuq id-*data* personali tagħna li ftit li xejn għad għandna sal-lum. Kull darba li xi App jew inkella sit web jitolbuna noħolqu identità diġitali ġdida, jew biex nagħmlu log on malajr permezz ta' xi pjattaforma kbira, ma jkollna l-ebda idea ta' dak li jiġri mid-*data* tagħna fil-konkret.

**Huwa għal dan li l-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi identità elettronika sigura Ewropea.**

Waħda li nkunu nistgħu nafdawha u li kull ċittadin ikun jista' jużaha ikun fejn ikun fl-Ewropa, biex jagħmel kull ma jrid: minn ħlas ta' taxxa sal-kiri ta' rota. Teknoloġija fejn inkunu nistgħu aħna stess nikkontrollaw liema *data* tintuża, u kif.

**It-tielet punt huwa dwar l-infrastruttura**

Il-konnessjonijiet tad-*data* jridu jżommu l-pass mal-bidliet li qed iseħħu bil-ħeffa.

Jekk qed nirsistu għal Ewropa ta' opportunitajiet indaqs, mhux aċċettabbli li 40 % tan-nies fiż-żoni rurali għad ma għandhomx aċċess għal konnessjonijiet ta' broadband veloċi.

Dawn il-konnessjonijiet issa ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom meta naħdmu mid-dar, nitgħallmu mid-dar, nixtru mid-dar u biex nużaw servizzi ġodda importanti li kull ma jmur qed jiżdiedu. Mingħajr konnessjonijiet broadband, illum bilkemm tkun tista' tistabbilixxi jew tmexxi negozju b'mod effettiv.

**Din hija opportunità u prerekwiżit biex iż-żoni rurali jerġgħu jingħataw il-ħajja.** Ikun hekk biss li dawn ikunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom li jiġbdu lejhom aktar nies u investiment.

L-imbuttatura għall-investiment permezz ta' NextGenerationEU hija opportunità unika biex immexxu l-espansjoni lejn kull raħal. Huwa għal dan l-iskop li rridu niffukaw l-investimenti tagħna biex ikollna konnessjonijiet siguri, u fuq l-espansjoni tal-5G, 6G u l-fibra.

NextGenerationEU hija wkoll opportunità unika fl-iżvilupp ta' approċċ Ewropew aktar koerenti lejn il-konnettività u l-iskjerament tal-infrastruttura diġitali.

Xejn minn dan ma hu skop fih innifsu – qed nitkellmu dwar is-sovranità diġitali tal-Ewropa, kemm fuq skala żgħira kif ukoll kbira.

F'dan l-ispirtu, nieħu pjaċir li nħabbar **investiment ta' tmien biljun ewro fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' supercomputers** – teknoloġija mill-aktar avvanzata magħmula fl-Ewropa.

U rridu li l-industrija Ewropea tiżviluppa l-mikroproċessur tal-ġenerazzjoni l-ġdida li jkun tagħna stess, li permezz tiegħu nkunu nistgħu nużaw il-volumi ta' *data* dejjem jiżdiedu b'mod effiċjenti fejn tidħol l-enerġija, u bla perikli.

Dan hu dak li nkunu qed nitkellmu fuqu meta nsemmu d-Deċennju Diġitali tal-Ewropa!

Onorevoli Membri,

**Jekk l-Ewropa se timxi 'l quddiem, u timxi malajr, irridu nwarrbu l-eżitazzjonijiet tagħna.**

Dak li qed nitkellmu dwaru huwa li l-Ewropa tingħata aktar kontroll fuq il-futur tagħha.

Għandna kull ma neħtieġu biex nagħtuha l-ħajja. U anki s-settur privat qed jistenna b'ħerqa liema bħalha għal dan.

Qatt ma kien hemm żmien aħjar minn dan li fih jista' jsir investiment fil-kumpaniji teknoloġiċi tal-Ewropa b'ċentri diġitali ġodda li qed jispuntaw kullimkien minn Sofia sa Liżbona sa Katowice. Għandna n-nies, l-ideat u s-saħħa bħala Unjoni biex nagħmlu suċċess.

U huwa għalhekk li se ninvestu 20 % ta' NextGenerationEU fuq id-diġitali.

Irridu li nkunu fuq quddiem nett fit-triq, it-triq Ewropea, lejn l-Era Diġitali: fuq il-bażi tal-valuri, is-saħħa u l-ambizzjonijiet globali tagħna.




## EWROPA VITALI F'DINJA FRAĠLI

Onorevoli Membri,

L-Ewropa hija determinata li tuża din it-tranżizzjoni biex tibni d-dinja li rridu ngħixu fiha. U dan, naturalment, jestendi sew lil hinn mill-fruntieri tagħna.

Il-pandemija wrietna fl-istess ħin kemm il-fraġilità tas-sistema globali kif ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni meta nkunu qed inħabbtuha ma' sfidi kollettivi.

Quddiem il-kriżi, xi wħud madwar id-dinja għażlu li jingħalqu f'iżolament. Oħrajn b'mod attiv jiddestabilizzaw is-sistema.

**L-Ewropa tagħżel li tiftaħ idejha**

Is-sens ta' tmexxija tagħna ma għandu x'jaqsam xejn ma' propoganda li sservi lilha nfisha. Ma għandu x'jaqsam xejn mal-Ewropa li trid tkun l-ewwel u fuq kulħadd. Dak li qed nagħmlu hu li nkunu l-ewwel fost dawk li jwieġbu għall-appelli bis-serjetà, meta dan jagħmel id-differenza.

> **"Waqt il-pandemija, l-ajruplani Ewropej niżlu kullimkien mis-Sudan sal-Afganistan, mis-Somalja sal-Venezwela, u wasslu eluf ta' tunnellati ta' apparat protettiv.**

Waqt il-pandemija, l-ajruplani Ewropej niżlu kullimkien mis-Sudan sal-Afganistan, mis-Somalja sal-Venezwela, u wasslu eluf ta' tunnellati ta' apparat protettiv.

Il-periklu se jibqa' jolqot lil kulħadd, sakemm il-periklu jgħib għal kulħadd - inkunu fejn inkunu, għandna x'għandna.

**Vaċċin li jkun aċċessibbli, affordabbli u sigur huwa l-mod l-aktar promettenti għad-dinja biex iseħħ dan.**

Fil-bidu tal-pandemija, ma kienx hemm fondi, l-ebda qafas dinji għal vaċċin kontra l-COVID - kien hemm biss it-tellieqa fost dawk li riedu jkunu l-ewwel li jiksbuha.

Dan kien il-mument li fih **l-UE resqet 'il quddiem biex tmexxi r-rispons dinji**. Flimkien mas-soċjetà ċivili, il-G20, il-WHO u oħrajn ġibna flimkien aktar minn 40 pajjiż biex ġbarna 16-il miljun ewro biex jiġu ffinanzjati r-riċerka fuq il-vaċċini, it-testijiet u l-kura għad-dinja kollha. Din hija l-qawwa liema bħalha li għandha l-UE biex tgħaqqad il-forzi.

Imma mhux biżżejjed li jinstab vaċċin. Irridu naraw li ċ-ċittadini Ewropej u dawk madwar id-dinja jkollhom aċċess għalih.

Dan ix-xahar stess, l-UE ngħaqdet mal-faċilità dinjija COVAX u tat kontribuzzjoni ta' 400 miljun ewro bħala għajnuna biex jiġi ggarantit li l-vaċċini siguri ma jkunux disponibbli biss għal dawk li jistgħu jħallsu għalihom - iżda għal kull min ikollu bżonnhom.

**In-nazzjonaliżmu fejn jidħlu l-vaċċini jipperikola l-ħajjiet. Il-kooperazzjoni fejn jidħlu l-vaċċini ssalvahom.**

Onorevoli Membri,

Aħna nemmnu bis-sħiħ fil-qawwa u fil-valur tal-kooperazzjoni f'entitajiet internazzjonali.

Permezz ta' Nazzjonijiet Uniti qawwija nkunu nistgħu nsibu soluzzjonijiet għat-tul fejn jidħlu kriżijiet bħal dik tal-Libja jew tas-Sirja.

Permezz ta' Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa qawwija nkunu nistgħu nħejju u nirrispondu aħjar għall-pandemiji dinjija jew tifqigħat lokali - sew jekk ikun il-coronavirus jew l-ebola.



U jkun permezz ta' Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ qawwija li nkunu nistgħu niggarantixxu l-kompetizzjoni ġusta għal kulħadd.

Iżda l-verità hi wkoll li **l-ħtieġa li s-sistema multilaterali tingħata ħajja ġdida u tiġi riformata qatt ma kien daqshekk urġenti.** Is-sistema dinjija tagħna daħlet f'paraliżi dejjem tinfirex. Il-potenzi l-kbar qegħdin jew jirtiraw mill-istituzzjonijiet, jew inkella jżommuhom bħal ostaġġi biex imexxu l-interessi partikolari tagħhom.

**Dawn it-toroq, it-tnejn li huma, ma huma se jwasslu mkien. Iva, irridu l-bidla. Iżda bidla bi ħsieb - mhux bil-qerda.**

U din hija r-raġuni li għaliha rrid li l-UE tmexxi r-riformi fid-WTO u d-WHO sabiex dawn ikunu jiswew għad-dinja tal-lum.

Iżda aħna nafu li r-riformi multilaterali jieħdu ż-żmien u fil-frattemp id-dinja mhix se tieqaf.

**Bla dubju, jeżisti bżonn ċar li l-Ewropa tieħu pożizzjonijiet ċari u azzjonijiet b'ħeffa fejn jidħlu l-affarijiet dinjija.**

Jumejn ilu saret l-aktar laqgħa reċenti bejn il-mexxejja tal-UE u taċ-Ċina.

Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina hija fl-istess ħin waħda mill-aktar strateġikament importanti, kif ukoll waħda mill-aktar relazzjonijiet li tippreżenta sfida.

Mill-bidunett kont għidt li ċ-Ċina hija sieħeb li miegħu nistgħu ninnegozjaw, hija kompetitur ekonomiku kif ukoll hija rivali sistemiku.

Għandna interessi flimkien fejn jidħlu kwistjonijiet bħall-bidla fil-klima - u ċ-Ċina wriet li hija lesta li tidħol fi djalogu ta' livell għoli. Iżda aħna nistennew li ċ-Ċina tonora l-impenji tagħha fil-Ftehim ta' Pariġi u tmexxi bl-eżempju.

Għad hemm ħafna xogħol iebes xi jsir fejn jidħol l-aċċess ġust għas-suq għall-kumpaniji Ewropej, ir-reċiproċità u l-kapaċità eċċessiva. Is-sħubija tagħna fejn jidħol il-kummerċ u l-investiment għadha żbilanċjata.

U ma hemm l-ebda dubju li aħna nħaddnu sistemi ta' governanza u soċjali differenti ħafna. Nemmnu fil-valur universali tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-individwu.

Mhux għax l-Ewropa ma għandhiex il-kwistjonijiet tagħha dwar dan - biżżejjed inħarsu lejn l-eżempju tal-antisemitiżmu. Iżda aħna nitkellmu b'mod miftuħ dwarhom. Il-kritika u l-oppożizzjoni mhux biss naċċettawhom iżda wkoll huma mħarsa bil-liġi.

Għalhekk, irridu dejjem nippuntaw subgħajna lejn l-abbużi fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, kull fejn u kull meta jseħħu - jekk hux f'Ħong Kong jew inkella mal-poplu tal-Ujguri.

Iżda xi jżommna lura? Kif inhi din li anki stqarrijiet sempliċi dwar il-valuri tal-UE jiġu ttardjati, titnaqqsilhom is-saħħa tagħhom, jew inkella jinżammu moħbija għal motivi oħra?

Meta l-Istati Membri jgħidu li l-Ewropa timxi bil-mod wisq, jien ngħidilhom biex jagħmlu kuraġġ u biex flaħħar jimxu lejn sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata - tal-anqas fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet.

**Din il-Kamra kemm-il darba appellat biex ikollna Att Magnitsky Ewropew - u nista' nħabbar li issa se nippreżentaw proposta.**

Hemm bżonn naraw li jkollna l-għodod kollha.

Onorevoli Membri,

Kemm jekk f'Ħong Kong, f'Moska jew inkella Minsk: l-Ewropa trid tieħu pożizzjoni ċara u malajr.

**Irrid ngħidu dan b'mod ċar u tond: l-Unjoni Ewropea hija fuq in-naħa tan-nies tal-Belarus.**

Kollha kemm aħna ħassejna ruħna emozzjonati quddiem il-kuraġġ immens ta' dawk li b'mod paċifiku qed jinġabru fi Pjazza Indipendenza jew li qed jieħdu sehem bla biża' fid-dimostrazzjonijiet tan-nisa.

L-elezzjonijiet li wassluhom biex jinżlu fit-toroq la kienu ħielsa u lanqas ġusti. U t-tweġiba brutali mill-gvern minn dakinhar lil hawn kienet tal-mistħija.

**Il-poplu tal-Belarus irid ikun liberu li huwa stess jiddeċiedi l-futur tiegħu għalih innifsu** Huwa mhux xi figura taċ-ċess biex jilgħab biha xi ħadd.

Lil dawk li jixtiequ rabtiet akbar mar-Russja ngħidilhom li l-avvalenament ta' Alexei Navalny permezz ta' sustanza kimika avvanzata mhux xi każ iżolat. **Rajna dan iseħħ fil-**Ġeorgja **u fl-Ukrajna, fis-Sirja u f'Salisbury - kif ukoll rajna t-tbagħbis fl-elezzjonijiet madwar id-dinja**. Dawn id-drawwiet mhux qed jinbidlu - u l-ebda pipeline mhu se jibdel dan.

It-Turkija hija u tibqa' dejjem ġar importanti. Iżda filwaqt li aħna qrib xulxin fuq il-mappa, id-distanza bejnietna tidher li qed tikber. Iva, it-Turkija tinsab f'viċinat mimli problemi. U iva, hija qed tilqa' miljuni ta' refuġjati, li għalihom aħna nibagħtu l-appoġġ tagħna permezz ta' ħafna flus. Iżda xejn minn dan ma jista' jkun ġustifikazzjoni għat-tentattivi ta' intimidazzjoni tal-ġirien.

**L-Istati Membri tagħna, Ċipru u l-Greċja, jistgħu dejjem iserrħu rashom mis-solidarjetà sħiħa tal-Ewropa fil-protezzjoni tad-drittijiet tas-sovranità leġittima tagħhom.**

Id-deeskalazzjoni fil-Mediterran tal-Lvant hija fl-interess reċiproku tagħna. Ir-ritorn tal-bastimenti esploratorji lejn il-portijiet Torok fl-aħħar ġranet huwa pass pożittiv f'din id-direzzjoni. Dan huwa meħtieġ biex ikun jista' jinħoloq l-ispazju tant meħtieġ għad-djalogu. L-uniku triq 'il quddiem hija dik li ħadd ma jieħu azzjonijiet unilaterali u li jitkomplew it-taħdidiet f'sens ġenwin ta' sinċerità. L-unika triq lejn l-istabbiltà u s-soluzzjonijiet permanenti.

Onorevoli Membri,

**Bħalma tirrispondi b'mod aktar assertiv għall-avvenimenti esterni, l-Ewropa trid tapprofondixxi u tirfina s-sħubijiet tagħha mal-ħbieb u l-alleati tagħha.**

U dan jibda billi tingħata ħajja ġdida lill-aktar sħubija konsistenti li qatt kellna.

Jista' jkun li mhux dejjem inkunu naqblu mad-deċiżjonijiet li qed jittieħdu dan l-aħħar fil-White House. Iżda dejjem se nibqgħu **ngħożżu l-alleanza transatlantika** - fuq il-bażi ta' valuri u storja kondiviżi, kif ukoll tar-rabta bejn il-popli tagħna li ma tistax tinkiser.

Għalhekk, jiġri x'jiġri aktar tard din is-sena, aħna lesti li nsawru aġenda transatlantika ġdida. Biex insaħħu s-sħubija bilaterali tagħna - sew fil-kummerċ, sew fit-teknoloġija jew fit-tassazzjoni.

Aħna lesti biex naħdmu *flimkien* fuq riforma tas-sistema internazzjonali li bnejna *flimkien*, b'mod konġunt ma' sħab li jaħsbuha bħalna. Fl-interess tagħna kif ukoll fl-interess tal-ġid komuni.

Għandna bżonn li nġeddu ħbiberiji antiki - fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku u fuq iż-żewġ naħat tal-Fliegu Ingliż.

Ix-xeni f'din l-awla stess meta żammejna jdejn xulxin u sellimna lil xulxin permezz tal-Auld Lang Syne kienu xeni qawwija b'tifsira kbira. Urew li teżisti affezzjoni għall-poplu Brittanniku li qatt m'hi se tgħib.

Iżda ma' kull jum li jgħaddi, il-possibbiltà ta' ftehim fil-ħin *qiegħda, fil-fatt*, tgħib.

In-negozjati dejjem ikunu diffiċli. Dan drajnieh.

U l-Kummissjoni għandha l-aqwa negozjatur, dak bl-akbar esperjenza, fil-persuna ta' Michel Barnier, biex jgħaddina minn dan il-baħar.

Iżda t-taħdidiet ma mxewx 'il quddiem kif xtaqna. U ftit baqa' żmien.

**Bħal dejjem, din il-Kamra se tkun l-ewwel li ssir taf u se jkollha l-aħħar kelma.** U nista' nserrħilkom raskom li se nkomplu naġġornawkom il-ħin kollu, hekk kif għamilna fil-Ftehim tal-Ħruġ.

Dak il-ftehim dam tliet snin biex jiġi negozjat u ħdima qatigħ fuqu. Linja b'linja, kelma b'kelma.

U flimkien irnexxielna. Ir-riżultat jiggarantixxi d-drittijiet taċ-ċittadini tagħna, l-interessi finanzjarji tagħna, l-integrità tas-Suq Uniku - u b'mod kruċjali l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-UE u r-Renju Unit flimkien qablu li kien l-aħjar u l-uniku mod kif titħares il-paċi fuq il-gżira tal-Irlanda.

U qatt m'aħna se mmorru lura minn dan. Dan il-ftehim kien ġie ratifikat minn din il-Kamra u mill-House of Commons.

Ma jistax jinbidel b'mod unilaterali, jiġi injorat jew inkella ma jiġix applikat. Din hija kwistjoni ta' liġi, fiduċja u sinċerità.

**"Il-Balkani tal-Punent huma parti mill-Ewropa - u mhux biss waqfa fuq it-Triq tal-Ħarir.**

U dan mhux jien biss qed ngħidu - infakkarkom f'dak li kienet qalet Margaret Thatcher:

*"Ir-Renju Unit ma jiksirx Trattati. Ikun ħażin għar-Renju Unit, ħażin għar-relazzjonijiet mal-bqija tad-dinja, u ħażin għal kull Trattat dwar il-kummerċ li jista' jsir 'il quddiem".*

**Dan kien minnu dakinhar, u huma minnu llum.**

**Il-fiduċja hija l-pedament ta' kull sħubija qawwija.**

U l-Ewropa hija dejjem lesta li tibni sħubijiet qawwija mal-ġirien tagħna l-aktar fil-qrib.

Dan jibda fil-Balkani tal-Punent.

Id-deċiżjoni ta' sitt xhur ilu li jibdew in-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq kienet tassew waħda storika.

Tabilħaqq, il-futur tar-reġjuni *kollu* jinsab fl-UE. Aħna għandna bejnietna l-istess storja, għandna l-istess destin.

**Il-Balkani tal-Punent huma parti mill-Ewropa - u mhux biss waqfa fuq it-Triq tal-Ħarir.**

Dalwaqt se nippreżentaw pakkett ta' rkupru ekonomiku għall-**Balkani tal-Punent** li jkun jiffoka fuq għadd ta' inizjattivi reġjonali ta' investiment.

U se nkunu preżenti wkoll għall-pajjiżi tas-**Sħubija tal-Lvant** u għal sħabna fil-viċinat tan-Nofsinhar - biex ngħinu fil-ħolqien tal-impjiegi u biex nagħtu imbuttatura lill-ekonomiji tagħhom.

Meta dħalt fil-kariga, għall-ewwel żjara tiegħi barra mill-Unjoni Ewropea għażilt li mmur għand l-Unjoni Afrikana, u din kienet għażla naturali. Kienet għażla naturali u kienet messaġġ ċar, għaliex aħna mhux biss ġirien, iżda wkoll sħab naturali.

Tliet xhur wara, erġajt mort mal-Kulleġġ kollu tiegħi biex nistabbilixxu l-prijoritajiet tagħna għall-istrateġija l-ġdida tagħna għall-Afrika. Hija sħubija bejn partijiet ugwali, fejn iż-żewġ naħat jikkondividu l-opportunitajiet u r-responsabbiltajiet.

L-Afrika se tkun sieħba ewlenija fit-tiswir tad-dinja li rridu ngħixu fiha - kemm fejn tidħol il-klima, il-qasam diġitali jew il-kummerċ.

Onorevoli Membri,

**Se nibqgħu nemmnu f'kummerċ miftuħ u ġust madwar id-dinja.** Mhux bħala skop fih innifsu - iżda bħala mod kif niksbu l-prosperità fil-pajjiżi tagħna u biex immexxu 'l quddiem il-valuri u l-istandards tagħna. Aktar minn 600,000 impjieg fl-Ewropa huma marbuta mal-kummerċ mal-Ġappun. U bil-ftehim reċenti mal-Vjetnam, dan waħdu kien ta' għajnuna biex jiġu ggarantiti drittijiet storiċi għal miljuni ta' ħaddiema fil-pajjiż.

**"Il-karbonju jrid ikollu prezzu - għaliex ma jistax ikun li n-natura tibqa' tħallas il-prezz hi.**

**Se nużaw is-saħħa diplomatika tagħna** u l-qawwa ekonomika tagħna biex niksbu ftehimiet li jagħmlu differenza - bħat-tfassil ta' żoni marittimi protetti fl-Antartika. Dan ikun wieħed mill-akbar atti ta' protezzjoni ambjentali fl-istorja.

**Se niffurmaw koalizzjonijiet ta' ambizzjoni kbira** fi kwistjonijiet bħal ma huma l-etika diġitali jew il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni - u niżviluppaw



sħubijiet ma' sħab oħra li jaħsbuha bħalna - mill-pajjiżi demokratiċi fl-Ażja, għall-Awstralja, l-Afrika, l-Amerka ta' Fuq u ta' Isfel u kull min ikun irid jingħaqad magħna.

**Se naħdmu biex ikollna globalizzazzjoni ġusta**
Iżda dan ma nistgħux inqisuh bħala xi ħaġa ovvja. Irridu ninsistu fuq il-ġustizzja u fuq kundizzjonijiet ekwi. U l-Ewropa se timxi 'l quddiem - waħedha jew ma' sħab li jkunu jridu jingħaqdu magħha.

Pereżempju aħna qed naħdmu fuq Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera

Il-karbonju jrid ikollu prezzu - għaliex ma jistax ikun li n-natura tibqa' tħallas il-prezz hi.

Dan **il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera** għandu jkun ta' motivazzjoni biex il-produtturi barranin u l-importaturi tal-UE jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom, filwaqt li jaraw li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd b'mod li jkun kumpatibbli mad-WHO.

L-istess prinċipji jgħodd għat-**tassazzjoni diġitali**. M'aħna se nistrieħu qatt sakemm nilħqu ftehim fil-qasam tal-OECD u tal-G20. Iżda biex inneħħu kull dubju: jekk xi ftehim ma jkunx jinkorpora sistema ta' tassazzjoni ġusta li tipprovdi dħul sostenibbli għat-tul, l-Ewropa tippreżenta proposta kmieni s-sena d-dieħla.

> **Se nieħdu approċċ uman u umanitarju. Mhix xi għażla fakoltattiva li ssalva n-nies li jkunu qed jegħrqu.**

**Irrid li l-Ewropa tkun promotur dinji għall-ġustizzja**

## VITALITÀ ĠDIDA GĦALL-EWROPA

Onorevoli Membri,

Jekk l-Ewropa tkun trid li jkollha dan ir-rwol vitali fid-dinja - trid ukoll toħloq vitalità ġdida internament. U biex nimxu 'l quddiem irridu issa negħlbu d-differenzi li żammewna lura.

Il-ftehim storiku dwar NextGenerationEU juri li dan jista' jsir. Il-ħeffa li biha ħadna d-deċiżjonijiet fejn jidħlu r-regoli fiskali, l-għajnuna statali u dwar SURE - dan kollu juri li jista' jsir.

Mela ejja nagħmluh.

Il-migrazzjoni hija kwistjoni li ilha tiġi diskussa biżżejjed.

Il-migrazzjoni dejjem kienet teżisti fl-Ewropa - u dejjem se tkun hemm. Matul is-sekli hija ddefiniet is-soċjetajiet tagħna, arrikkiet il-kulturi tagħna u sawret ħafna mill-ħajjiet tagħna. U dan dejjem se jibqa'.

Bħalma aħna lkoll nafu, il-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015 ħolqot firdiet profondi bejn l-Istati Membri - u xi wħud minn dawn il-feriti għadhom ma fiqux.

Minn dakinhar lil hawn sar ħafna. Iżda għad baqa' ħafna xi jsir.

Jekk **aħna nkunu kollna lesti biex nagħmlu l-kompromessi - mingħajr ma nagħmlu kompromessi fejn jidħlu l-prinċipji tagħna - nistgħu nsibu soluzzjoni.**

Il-ġimgħa d-dieħla, il-Kummissjoni se tippreżenta l-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni.

Se nieħdu approċċ **uman u umanitarju**. Mhix xi għażla fakoltattiva li ssalva n-nies li jkunu qed jegħrqu. U dawk il-pajjiżi li jwettqu d-dmirijiet legali u morali tagħhom, jew dawk li huma l-aktar esposti minn oħrajn, hemm bżonn li jkunu jistgħu jserrħu fuq is-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea tagħna kollha kemm hi.

Se niżguraw li noħolqu rabta eqreb bejn l-ażil u r-ritorn. Irridu nagħmlu distinzjoni ċara bejn dawk li jkollhom dritt li jibqgħu u dawk li ma jkollhomx.

Se nieħdu azzjoni biex niġġieldu lit-traffikanti, biex insaħħu l-fruntieri esterni, napprofondixxu s-sħubijiet esterni u biex noħolqu perkorsi legali.

U se naraw li n-nies li jkollhom id-dritt li jibqgħu jiġu integrati u naraw li jħossuhom milqugħa.

Għandhom futur xi jsawru - u ħiliet, enerġija u talent.

Tiġini f'moħħi Suadd, ir-refuġjata żagħżugħa mis-Sirja li waslet fl-Ewropa bil-ħolma li ssir tabiba. Fi żmien tliet snin hija ngħatat borża ta' studju prestiġġjuża mir-Royal College of Surgeons fl-Irlanda.

Jiġuni f'moħħi t-tobba refuġjati Libjani u Sirjani li offrew il-ħiliet mediċi tagħhom fil-mument li l-pandemija laqtet lil Franza.

Onorevoli Membri, jekk naħsbu dwar dak li dawn kellhom jegħilbu u dak li kisbu, mela allura rridu **sempliċement naraw flimkien kif se nagħmlu dwar il-migrazzjoni.**

> **"Il-migrazzjoni hija sfida Ewropea u l-Ewropa kollha trid tagħmel il-parti tagħha.**

Ix-xbiehat tal-kamp ta' Moria huwa tfakkira doloruża tal-ħtieġa li l-Ewropa trid taġixxi għalenija.

Kulħadd irid jimpenja ruħu hawnhekk u jerfa' responsabbiltà - u l-Kummissjoni eżatt hekk se tagħmel. Il-Kummissjoni issa qiegħda taħdem fuq pjan pilota konġunt mal-awtoritajiet tal-Greċja biex jinbena kamp ġdid f'Lesvos. Nistgħu nassistu fil-proċessi ta' ażil u ritorn u ntejbu b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet għar-refuġjati.

**Iżda rrid inkun ċara: jekk se nimpenjaw ruħna aħna, nistenna li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom ukoll.**

**Il-migrazzjoni hija sfida Ewropea u l-Ewropa kollha trid tagħmel il-parti tagħha.**

Irridu nerġgħu nibnu l-fiduċja fostna u nimxu 'l quddiem flimkien.

U din il-fiduċja hija fil-qalba stess tal-Unjoni tagħna u hija l-mod kif nagħmlu l-affarijiet flimkien.

Hija ankrata fil-valuri tal-fondazzjoni tagħna, fid-demokrazija tagħna u fil-Komunità tal-Liġi tagħna - kif kien iħobb isejħilha Walter Hallstein.

Dan mhux xi terminu astratt. L-istat tad-dritt jgħin biex jitħarsu n-nies mill-madmad ta' min hu b'saħħtu. Huwa l-garanti tad-dritt l-aktar bażiku fost id-drittijiet u l-libertajiet ta' kuljum. Huwa jippermettilna

> **"Se naraw li l-flus mill-baġit tagħna u minn NextGenerationEU jitħarsu kontra kull xorta ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess. Dwar dan, ma nagħmlux kompromessi.**

li nlissnu l-opinjoni tagħna u li nkunu infurmati permezz ta' gazzetti u medja ħielsa.

Qabel tmiem ix-xahar, il-Kummissjoni se tadotta l-ewwel rapport annwali dwar l-istat tad-dritt li jkun ikopri l-Istati Membri kollha.

Huwa għodda ta' prevenzjoni biex l-isfidi jiġu skoperti sa minn kmieni u biex jinstabu s-soluzzjonijiet.

Irrid li dan ikun il-punt tat-tluq għall-Kummissjoni, il-Parlament u l-Istati Membri biex jaraw li ma jkunx hemm min jaqa' lura.

Il-Kummissjoni tagħti l-akbar importanza għall-istat tad-dritt. Huwa għalhekk li se naraw li l-flus mill-baġit tagħna u minn NextGenerationEU jitħarsu kontra kull xorta ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess. Dwar dan, ma nagħmlux kompromessi.

Iżda f'dawn l-aħħar xhur rajna wkoll kemm dan jista' jkun fraġli. Għandna dmir li nkunu dejjem għajnena miftuħa biex inħarsu u nindukraw l-istat tad-dritt.

Il-ksur fl-istat tad-dritt ma jistax jiġi ttollerat. Se nibqa' niddefendih, lilu u lill-integrità tal-istituzzjonijiet Ewropej tagħna. Kemm jekk qed nitkellmu dwar il-primat tad-dritt Ewropew, il-libertà tal-istampa, l-indipendenza tal-ġudikatura jew il-bejgħ tal-passaporti tad-deheb. Il-valuri Ewropej mhux għall-bejgħ.



Onorevoli Membri,

Dawn il-valuri huma importanti aktar minn qatt qabel. Ngħid dan għaliex meta naħseb dwar l-istat tal-Unjoni tagħna, niftakar fil-kliem ta' John Hume - wieħed mill-akbar Ewropej li sfortunatament miet din is-sena.

Jekk tant nies illum jgħixu fil-paċi fuq il-gżira tal-Irlanda, dan huwa fil-biċċa l-kbira dovut għat-twemmin tiegħu fl-umamità u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

Huwa kien jgħid li l-kunflitt jitnissel mid-differenza u li l-paċi titnissel mir-*rispett* għad-differenza.

U jekk kif huwa bir-raġun fakkar lil din il-Kamra fl-1998: "*Il-viżjonarji Ewropej iddeċidew li d-differenza mhix theddida, id-differenza hija naturali.* ***Id-differenza hija l-essenza tal-umanità.***

Dan il-kliem huwa importanti llum daqs kemm kien fil-passat.

Għaliex meta nħarsu madwarna, nistaqsu lilna nnfusna, *fejn hija l-essenza tal-umanità* meta tlett itfal f'Wisconsin jaraw lill-pulizija jisparaw fuq missierhom hekk kif huma jkunu qegħdin bilqiegħda fil-karozza?

Nistaqsu *fejn hija l-essenza tal-umanità* meta fit-toroq tagħna jintlibsu fl-apert kostumi antisemitiċi fil-karnival?

*Fejn hija l-essenza tal-umanità* meta kull jum li jgħaddi n-nies Roma jiġu esklużi mis-soċjetà u oħrajn jinżammu lura sempliċement minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom jew minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom?

Jien kburija li ngħix fl-Ewropa, f'din is-soċjetà miftuħa ta' valuri u diversità.

Iżda anki hawnhekk f'din l-Unjoni - dawn l-istejjer huma realtà ta' kuljum għal ħafna.

U dan ifakkarna li **l-progress fejn tidħol il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-mibegħda hija fraġli - diffiċli tirbaħha iżda malajr titlifha.**

Mela issa hu l-mument biex isseħħ il-bidla.

Biex tissawwar Unjoni li tkun tassew antirazzista - li timxi mill-kundanna lejn l-azzjoni.

U l-Kummissjoni qed tipproponi pjan ta' azzjoni biex dan jibda jseħħ.

Bħala parti minn dan, se nipproponu li nestendu l-lista ta' atti kriminali tal-UE lejn il-forom kollha ta' atti kriminali ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda - jekk hux dwar razza, reliġjon, ġeneru jew sesswalità.

**Il-mibegħda hija mibegħda - u ħadd ma għandu għax joqgħod għaliha.**

Se nsaħħu l-liġijiet tagħna tal-ugwaljanza fejn hemm il-lakuni.

> **"Unjoni fejn inti tista' tkun dak li inti u tħobb lil min trid - mingħajr il-biża' ta' kundanni jew diskriminazzjoni.**

Se nużaw il-baġit tagħna biex nindirizzaw id-diskriminazzjoni f'oqsma bħal ma huma l-impjieg, l-akkomodazzjoni jew il-kura tas-saħħa.

Se nkunu aktar iebsa fl-infurzar meta l-implimentazzjoni taqa' lura.

**Għaliex f'din l-Unjoni, il-ġlieda kontra r-razziżmu qatt m'hi se tkun fakultattiva**

Se **ntejbu l-edukazzjoni u l-għarfien** dwar il-kawżi storiċi u kulturali tar-razziżmu.

Se **nikkonfrontaw l-iżbilanċ inkonxju** li jeżisti fin-nies, l-istituzzjonijiet u anki fl-algoritmi.

U se **naħtru l-ewwel koordinatur fil-Kummissjoni kontra r-razziżmu** biex dan kollu jinżamm fuq nett fl-aġenda tagħna u biex jaħdem direttament man-nies, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet.

Onorevoli Membri,

Minix se nistrieħ fejn jidħol it-tiswir ta' Unjoni tal-Ugwaljanza.

Unjoni fejn inti tista' tkun dak li inti u tħobb lil min trid - mingħajr il-biża' ta' kundanni jew diskriminazzjoni.



Għaliex li **tgħix ħajtek kif tixtieq mhix l-ideoloġija tiegħek**.

**Hija l-identità tiegħek.**

**U ħadd ma jista' qatt jeħodhielek.**

Għalhekk irrid inkun ċara daqs il-kristall - **żoni fejn ma hemmx rispett lejn l-LGBTQI huma żoni fejn ma hemmx umanità**. **U ma hemmx posthom fl-Unjoni tagħna.**

U sabiex inkunu żguri li aħna nappoġġaw lill-komunità kollha, il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi strateġija biex jissaħħu d-drittijiet LGBTQI.

Bħala parti minn dan, se mmexxi 'l quddiem l-għarfien reċiproku tar-relazzjonijiet familjari fl-UE. **Jekk inti ġenitur f'pajjiż, inti ġenitur f'kull pajjiż**.

## GĦELUQ

Onorevoli Membri,

Din hija d-dinja li rridu ngħixu fiha.

Fejn aħna magħquda fid-diversità u l-avversità. Fejn naħdmu flimkien biex negħlbu d-differenzi tagħna - u niġbdu ħabel wieħed meta ngħaddu minn żminijiet ibsin.

Fejn nibnu llum id-dinja aktar b'saħħitha, aktar qawwija u aktar rispettuża li fiha rridu li jikbru t-tfal tagħna għada.

Iżda filwaqt li nippruvaw ngħallmu lit-tfal tagħna dwar il-ħajja, it-tfal tagħna qegħdin jgħallmuna xi tfisser tassew il-ħajja.

Is-sena li għaddiet urietna kemm tassew dan huwa l-każ.

Nistgħu nsemmu l-miljuni ta' żgħażagħ li qed jitolbu tibdil lejn pjaneta aħjar.

Jew il-mijiet ta' eluf ta' qawsalli sbieħ ta' solidarjetà li waħħlu t-tfal tagħna mat-twieqi tal-Ewropa.

Iżda hemm xbiha waħda li weħlet f'moħħi minn dawn l-aħħar sitt xhur iebsa. Xbiha li tirrappreżenta lid-dinja kif jarawha uliedna.



Hija x-xbiha ta' Carla u Vittoria. Dawn iż-żewġt ibniet li qed jilagħbu t-tennis minn bejn il-bjut fil-Liguria, fl-Italja.

Mhux biss il-kuraġġ u t-talent ta' dawn il-bniet li jispikkaw.

Iżda l-lezzjoni li qed ituna. Li m'għandekx tħalli l-ostakli jwaqqfuk, li m'għandekx tħalli l-konvenzjonijiet iżommuk lura, li għandek taħtaf il-mument.

Dan huwa dak li Carola, Vittoria u ż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa qed jgħallmuna dwar il-ħajja kuljum. Dan hu dak li nkunu qed nitkellmu fuqu meta nsemmu l-ġenerazzjoni li jmiss tal-Ewropa. Dan hu NextGenerationEU.

Din is-sena, l-Ewropa ħadet lezzjoni mingħandhom u għamlet qabża 'l quddiem flimkien.

Meta kellna bżonn insibu mod biex nimxu 'l quddiem għall-futur tagħna, ma ħallejniex il-konvenzjonijiet antiki jżommuna lura.

Meta ħassejna l-fraġilità madwarna, ħtafna l-mument biex tajna ħajja ġdida lill-Unjoni tagħna.

Meta kellna għażla biex nagħmlu l-affarijiet waħedna kif konna nagħmlu qabel, użajna s-saħħa miġbura flimkien tas-27 biex lis-27 jingħata ċans għall-futur.

Urejna li aħna ninsabu f'dan kollu flimkien u se noħorġu minnu flimkien.

**Onorevoli Membri,**

**Il-futur se jkun kif insawruh aħna. U l-Ewropa se tkun kif nixtiquha aħna.**

**Mela ejja ma noqogħdux immaqdruha. U ejja naħdmu għaliha. Ejja nqawwuha. U ejja nibnu d-dinja li rridu ngħixu fiha.**

**Viva l-Ewropa!**



***Ursula von der Leyen***

## L-ISTAT TAL-UNJONI 2020

# Ittra ta' Intenzjoni lill-President David Maria Sassoli u lill-Kanċillier Angela Merkel

*Brussell, is-16 ta' Settembru 2020*

*Onorevoli President Sassoli,*

*Onorevoli Kanċillier Merkel,*

*Kważi 500 jum ilu, il-poplu tal-Ewropa semma' leħnu ċar u tond. Permezz tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ta mandat enfatiku lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ikunu determinati u ambizzjużi, u biex imexxu l-bidla lejn dinja aktar f'saħħitha, aktar qawwija u aktar ġusta. Il-linji gwida politiċi ppreżentati lill-Parlament Ewropew f'Lulju 2019 kienu jirriflettu din l-ambizzjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn, servew ta' qafas għall-ħidma komuni tagħna, u nixtiequ nirringrazzjaw kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Kunsill tal-appoġġ u l-kooperazzjoni tagħhom matul din l-aħħar sena.*

*Sa mill-bidu nett, il-Kummissjoni tagħna kienet iggwidata mill-impenn li ħadna s-sena l-oħra fil-linji gwida politiċi: "***Se nadattaw u naġġornaw hekk kif ikomplu jinħolqu l-isfidi u l-opportunitajiet, iżda se nibqgħu nżommu mal-prinċipji u l-ħolm***". Dan jiġbor flimkien kemm l-ewwel 10 xhur fil-kariga tagħna kif ukoll il-ħidma tagħna għas-sena li ġejja.*

*Fl-ewwel 100 jum fil-kariga tal-Kummissjoni, qegħedna l-pedamenti għall-bidla sistemika li l-Ewropa teħtieġ. Ippreżentajna l-Patt Ekoloġiku Ewropew – l-istrateġija l-ġdida tagħna għat-tkabbir – u ppreżentajna l-pjanijiet tagħna għad-deċennju diġitali tal-Ewropa. U minħabba li t-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali jridu jmorru id f'id mal-kompetittività tagħna, ippreżentajna strateġija industrijali ġdida biex insaħħu s-suq uniku tagħna, nappoġġjaw lin-negozji ż-żgħar u nagħtu spinta lill-vantaġġ kompetittiv tagħna.*

*Konna ilna għaddejjin bil-ħidma tagħna meta d-dinja theżżet b'virus li kellu konsegwenzi traġiċi għal mijiet ta' eluf ta' familji. Dan uriena kemm hemm fraġilità madwarna, sakkar lill-komunitajiet tagħna ġewwa u naqqas ir-ritmu tal-ekonomiji tagħna. B'reazzjoni għal dan, ħadna azzjoni urġenti u deċiżiva – mill-użu tal-flessibbiltà fir-regoli fiskali tagħna u dawk tal-għajnuna mill-Istat, għall-ħolqien tal-istrument SURE u t-tqegħid ta' kull euro disponibbli fil-fondi tal-UE tagħna biex nipproteġu l-ħajjiet u l-għajxien tan-nies. Wassalna lura f'darhom aktar minn 600,000 ċittadin tal-UE li kienu maqbuda barra minn pajjiżhom u ħadna aktar minn 790 miżura biex nimmaniġġjaw il-kriżi ekonomika u tas-saħħa – minn appoġġ għall-bdiewa u għas-sajjieda għall-ftuħ tal-korsiji ħodor.*

*Il-messaġġ tagħna mill-bidu nett kien li* **l-Ewropa kollha qiegħda fl-istess ilma u li rridu noħorġu minn din il-kriżi flimkien***. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet NextGenerationEU u baġit fit-tul rivitalizzat – proposta storika u l-aktar pakkett ta' stimolu ambizzjuż fl-istorja tal-Unjoni. Dan se jgħinna nerġgħu nvaraw l-ekonomiji tagħna b'enfasi fuq l-investiment u r-riformi. Nixtieq nirringrazzja lill-koleġiżlaturi talli ħadmu biex nilħqu ftehim bl-ikbar ħeffa ħalli dan ikun jista' jibda jagħmel differenza fil-prattika malajr kemm jista' jkun.*

**Filwaqt li nbidlu ħafna affarijiet madwarna, l-ambizzjonijiet tagħna ma nbidlux***. Fil-fatt, qed naraw aċċellerazzjoni kbira fil-bidliet li kienu diġà bdew u hemm saħansitra aktar urġenza biex l-Ewropa tmexxi din it-trasformazzjoni. Din hija opportunità ta' darba f'ġenerazzjoni. Għandna l-viżjoni, għandna l-pjan, u għandna r-rieda. U bis-saħħa ta' NextGenerationEU, issa għandna l-investiment. Fis-sena li ġejja se nkunu qed nagħmlu ħidma sfiqa mal-Istati Membri għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-Ewropa mhux biss tirkupra għalissa biss iżda ssawwar ukoll l-ekonomija ta' għada.*

*Naturalment, il-ħidma għas-sena li ġejja tibda billi* **nkomplu nimmaniġġjaw il-pandemija b'mod ikkoordinat***. Minħabba li l-każijiet qed jerġgħu jiżdiedu, dan huwa importanti issa aktar minn qatt qabel. In-nies tal-Ewropa għamlu s-sagrifiċċji biex jipproteġu lil xulxin, u jenħtieġ li nipproteġu l-progress li għamilna. Bl-istess mod, f'dan l-istadju tal-irkupru ekonomiku li għadu bikri u inċert, irridu nibqgħu sejrin fl-istess direzzjoni u nħarsu l-progress li sar. Dan mhuwiex il-mument li nirtiraw l-appoġġ mill-ekonomiji tagħna u, matul is-sena, ikollna nsibu bilanċ bejn li nagħtu appoġġ finanzjarju u li niżguraw sostenibbiltà fiskali.*

*Waqt li qegħdin nimmaniġġjaw is-sitwazzjoni attwali, se nibdew naħdmu biex nibnu l-Unjoni ta' għada, b'inizjattivi ewlenin ippjanati fis-sitt ambizzjonijiet kbar tagħna kollha kemm huma. Dawn jirriflettu l-ħtieġa li nitgħallmu mill-kriżi u nantiċipaw l-aċċelerazzjoni l-kbira tal-bidla sabiex insawru soċjetà aktar ġusta, aktar f'saħħitha, aktar ekoloġika u aktar diġitali. Fil-ħidma tagħna se niffukaw fuq li nsaħħu l-kompetittività tagħna u li nagħmlu l-ekonomiji u l-industriji tagħna aktar reżiljenti. Din il-Kummissjoni se tiżgura li l-Ewropa jkollha rwol dejjem aktar vitali f'din id-dinja fraġli – sew billi tmexxi l-isforzi globali biex tassikura vaċċin sikur u aċċessibbli, sew jekk tibni sħubijiet jew issaħħaħ is-sistema multilaterali u bbażata fuq ir-regoli. Se nkunu miftuħin kull fejn nistgħu, iżda se nkunu aktar assertivi kull fejn jenħtieġ.*

*Hawn taħt issibu elenkati xi wħud mill-inizjattivi ewlenin li l-Kummissjoni beħsiebha tipproponi fis-sena li ġejja – inizjattivi li jirriflettu wkoll l-input li rċevejna mill-Parlament u mill-Kunsill. Din il-lista mhijiex eżawrjenti u se tiġi segwita f'Ottubru bil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021, li ħerqana li naħdem mill-qrib magħkom fuqu.*

*Minbarra l-azzjonijiet elenkati hawn taħt, il-Kummissjoni se tkompli twettaq il-programm ta' ħidma tagħha għall-2020, b'għadd ta' inizjattivi ewlenin li għadhom iridu jiġu adottati qabel tmiem din is-sena. Dawn jinkludu l-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-ewwel rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-Pjan tal-Miri dwar il-Klima għall-2030 – li kollha mistennija li jiġu adottati fil-jiem u fil-ġimgħat li ġejjin.*

*Din l-ittra timmarka wkoll il-bidu tad-djalogu interistituzzjonali dwar il-prijoritajiet tagħna għas-sena li ġejja, li ħerqana li ninteraġixxi magħkom dwarhom. Għandna impenn sod li nsaħħu d-djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.*

**Dan huwa l-mument biex l-Ewropa tiftaħ it-triq lil hinn mill-fraġilità u lejn vitalità ġdida.**



***Ursula von der Leyen***



***Maroš Šefčovič***

# INIZJATTIVI ĠODDA EWLENIN GĦALL-2021

## *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*

- *Proposta leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tal-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS)*
- *Proposta leġiżlattiva dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera*

*Pakkett Fit for 55 (Klima u enerġija)*

- *Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi*
- *Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbbli, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija*
- *Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Emissjonijiet u t-Tneħħija tal-Gassijiet Serra mill-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija*
- *Proposta leġiżlattiva li tindirizza l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, reviżjoni tal-qafas regolatorju għas-swieq kompetittivi tal-gass dekarbonizzat u reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija*
- *Reviżjoni tad-Direttiva dwar Sistemi ta' Trasport Intelliġenti u tad-Direttiva dwar l-Installazzjoni ta' Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi*
- *Reviżjoni tar-Regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief u proposta leġiżlattiva dwar l-iżvilupp ta' standards ta' emissjonijiet ta' wara l-Euro6/VI għall-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet u l-karozzi tal-linja*
- *Proposta leġiżlattiva għal inizjattiva sostenibbli ta' politika dwar il-prodotti*

## *Ewropa lesta għall-era diġitali*

- *Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa: il-Miri Diġitali għall-2030*
- *Proposta leġiżlattiva għal Att dwar id-Data*
- *Proposta leġiżlattiva għal imposta diġitali*
- *Proposta leġiżlattiva għal e-ID Ewropea fdata u sikura*
- *Inizjattiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi*
- *Komunikazzjoni dwar l-aġġornament tal-istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa*
- *Rieżami tal-politika tal-kompetizzjoni*
- *Proposta leġiżlattiva dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin*
- *Pjan ta' azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju*

## *Ekonomija għas-servizz tan-nies*

- *Proposta leġiżlattiva dwar qafas ta' protezzjoni u faċilitazzjoni tal-investiment*
- *Reviżjoni tar-regoli prudenzjali għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)*
- *Reviżjoni tad-Direttiva u r-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji*
- *Proposta leġiżlattiva dwar governanza korporattiva sostenibbli*
- *Twaqqif ta' Standard tal-UE għall-Bonds Ekoloġiċi*
- *Proposta għal pakkett leġiżlattiv dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus*
- *Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, Strateġija Ġdida għas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali, Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali*
- *Lejn il-qafas legali futur tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi li jagħti vantaġġi kummerċjali lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp*
- *Strument li jiskoraġġixxi u jiġġieled kontra azzjonijiet koerċittivi minn pajjiżi terzi*

## *Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja*

- *Komunikazzjoni konġunta dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli*
- *Komunikazzjoni konġunta dwar il-politika tal-Artiku u tad-dimensjoni tat-Tramuntana*
- *Komunikazzjoni konġunta dwar tiġdid tas-sħubija mal-Viċinat tan-Nofsinhar*
- *Komunikazzjoni konġunta dwar approċċ strateġiku li jappoġġja d-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni tal-eks kumbattenti*

## *Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna*

- *Proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi Aġenzija Bijomedika Ewropea ġdida għar-Riċerka u l-Iżvilupp*
- *Proposta leġiżlattiva biex jiġi estiż il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*
- *Proposta leġiżlattiva biex jiġi estiż il-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard*
- *Proposta leġiżlattiva dwar l-ispazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa*
- *Inizjattivi ta' segwitu skont il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil*
- *Strateġija dwar il-Futur ta' Schengen*
- *Komunikazzjonijiet dwar aġenda tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata u dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu*

## *Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea*

- *Strateġija dwar id-drittijiet tat-tfal*
- *Proposta leġiżlattiva li tipprevjeni u tiġġieled forom speċifiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru*
- *Proposti biex tiġi estiża l-lista tar-reati tal-UE għall-forom kollha ta' reati ta' mibegħda u diskorsi ta' mibegħda*
- *Proposta leġiżlattiva dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera*
- *Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Istatut u l-Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej*
- *Komunikazzjoni dwar viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali*

L-ISTAT TAL-UNJONI 2020

# Il-Kummissjoni von der Leyen:
# L-ewwel sena

KISBIET

# TRIQ ĠDIDA GĦALL-EWROPA

Sena ilu, il-Kummissjoni von der Leyen wiegħdet dan lill-Ewropa: wegħedna li nkunu determinati u kuraġġużi kull fejn rajna l-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell Ewropew. Fil-bidu tal-mandat, il-Kummissjoni l-ġdida qabdet **rotta ġdida u ambizzjuża** għall-Unjoni Ewropea.

Ippreżentajna l-**Patt Ekoloġiku Ewropew** u l-ewwel elementi kostitwenti tiegħu, li bihom qegħedna lill-Unjoni tagħna fit-triq lejn in-newtralità klimatika. Ħriġna b'pakkett biex nagħmlu l-Ewropa mexxej globali fl-**innovazzjoni diġitali**. Ippreżentajna **strateġija industrijali**, biex tiddefinixxi triq ġdida 'l quddiem għall-Ewropa tul it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. F'kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-Ewropa għandha bżonn tittrasforma l-ekonomija tagħha lejn futur ekoloġiku u diġitali, u ssaħħaħ il-kompetittività tagħha fix-xena globali. Għalhekk, ħloqna l-aktar pjan direzzjonali ambizzjuż li stajna biex nilħqu dawn l-għanijiet.

Imbagħad faqqgħet il-**pandemija tal-coronavirus** – u magħha t-traġedja umana, il-lockdowns, u r-riperkussjonijiet ekonomiċi. Il-kriżi kienet teħtieġ rispons tassew Ewropew, u aħna rrispondejna bl-ikbar mobilizzazzjoni kollettiva fl-istorja tal-Unjoni tagħna. Għall-bidu, il-Kummissjoni ħadmet biex torganizza **rispons ikkonċertat u kkoordinat Ewropew** għall-emerġenza – biex jinxtara u jitqassam tagħmir ta' protezzjoni, biex l-Ewropej maqbudin barra jiġu ripatrijati, u biex jiġu akkwistati dożi ta' vaċċin futur. Dan kien territorju ġdid għall-Unjoni Ewropea: irrispondejna b'determinazzjoni meta s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna talbu li jkun hemm azzjoni min-naħa tal-UE.

Il-pass li jmiss kien li naġixxu malajr u nibdew l-irkupru tal-ekonomija tagħna. **NextGenerationEU**, il-pjan għall-irkupru propost mill-Kummissjoni li kien hemm qbil dwaru mill-Kunsill Ewropew u li tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kollha, huwa inizjattiva għalkollox ġdida fl-istorja tal-UE. Huwa l-qofol tal-**baġit fit-tul tal-UE** l-aktar b'saħħtu li qatt ġie mfassal, u flimkien għandhom saħħa ta' EUR 1.8 triljun.

**Adattajna għal ċirkostanzi imprevisti u drammatiċi aħna u nżommu mal-prinċipji u l-aspirazzjonijiet indikati fil-linji gwida politiċi tagħna sena ilu.**

Meta fassalna dan il-pjan, adattajna għal ċirkostanzi imprevisti u drammatiċi aħna u nżommu mal-prinċipji u l-aspirazzjonijiet indikati fil-**linji gwida politiċi** tagħna sena ilu. It-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali issa qegħdin saħansitra aktar integrati fil-qalba tal-programm tagħna, b'riżorsi ġodda biex naċċelleraw it-trasformazzjoni. Mhux talli qegħdin insewwu l-ħsara għall-ekonomija tagħna: qed nibnu aħjar **għall-ġenerazzjoni li jmiss**.



Il-ħaddiema tal-ewwel linja wettqu dmirijiethom erojkament, iċ-ċittadini aċċettaw li jagħmlu sagrifiċċji relatati mal-libertajiet fundamentali tagħhom, u ttieħdu miżuri mingħajr preċedent biex iwaqqfu t-tixrid tal-virus.



# 1. L-ewwel 100 jum

Fl-ewwel 100 jum, il-Kummissjoni von der Leyen ippreżentat sett uniku ta' aspirazzjonijiet biex nindirizzaw l-isfidi l-kbar ta' din il-ġenerazzjoni. Mill-1 ta' Diċembru 2019, kien hemm qbil mal-istituzzjonijiet tal-UE l-oħrajn dwar 64 proposta. Dawn jinkludu l-elementi kostitwenti ta' **strateġija ġdida għat-tkabbir fl-Ewropa**, li hija strutturata fuq tliet pilastri: il-Patt Ekoloġiku Ewropew, Ewropa lesta għall-era diġitali, u ekonomija għas-servizz tan-nies.

## IMMEXXU T-TRANŻIZZJONIJIET EKOLOĠIĊI U DIĠITALI

Fil-ħdax-il jum tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni von der Leyen ippreżentat il-**Patt Ekoloġiku Ewropew**. B'din l-inizjattiva, l-UE daħlet għall-akbar tranżizzjoni ppjanata fl-istorja, billi stabbiliet pjan direzzjonali dwar kif se tagħmel l-Ewropa **l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050** waqt li fl-istess ħin ittejjeb it-tkabbir, tipprovdi impjiegi ġodda u aħjar, u ttejjeb il-benesseri tan-nies. It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma theddidiet eżistenzjali għall-Ewropa u għad-dinja. Biex tegħleb dawn l-isfidi, l-Ewropa teħtieġ strateġija għat-tkabbir ġdida li tittrasforma l-Unjoni f'**ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva** li taħdem għan-nies.

**Strateġija ġdida għat-tkabbir, strutturata fuq tliet pilastri**

L-isfidi ġenerazzjonali tagħna – it-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali – saru saħansitra aktar urġenti issa milli kienu qabel bdiet il-kriżi. Issa huwa ż-żmien għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-mewġa ta' investiment li wasalna biex invaraw se jkollha bħala l-boxxla tagħha l-**Patt Ekoloġiku Ewropew**. Bl-istess mod, il-kriżi tal-coronavirus u l-lockdowns li segwew urew li l-aċċess għas-**soluzzjonijiet diġitali** huwa essenzjali kemm għall-pubbliku kif ukoll għan-negozji, u li n-nuqqas tagħhom jista' jissarraf f'sors ta' inugwaljanzi ġodda.





Fl-14 ta' Jannar, il-Kummissjoni ħabbret il-**Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew**, sabiex timmobilizza l-investiment privat f'appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Il-pjan ta' investiment jinkludi wkoll il-**Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta**, li se jiżgura triq 'il quddiem inklużiva u prospera. It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika se tipprovdi opportunitajiet u sfidi għar-reġjuni u s-setturi. Filwaqt li xi wħud se jgawdu mill-benefiċċji minnufih, oħrajn se jdumu aktar.

Biex tiżgura distribuzzjoni aktar uniformi tal-opportunitajiet, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza mill-inqas **EUR 100 biljun permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta** biex tgħin **lir-reġjuni, lill-industriji u lill-ħaddiema** li se jaffaċċaw l-akbar sfidi marbutin mat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Se nirnexxu biss jekk iċ-ċittadini u l-komunitajiet jingħataw is-setgħa li jkunu l-aġenti tat-tranżizzjoni.

**Se nirnexxu biss jekk iċ-ċittadini u l-komunitajiet jingħataw is-setgħa li jkunu l-aġenti tat-tranżizzjoni.**

Fl-4 ta' Marzu, il-Kummissjoni von der Leyen ipproponiet **liġi Ewropea dwar il-klima**, biex il-wegħdiet politiċi jiġu ttrasformati f'obbligi legali. Stabbilejna impenn legali biex niksbu UE newtrali għall-klima sal-2050, kif ukoll mekkaniżmu biex kulħadd jibqa' għaddej f'din it-trajettorja.

Fl-istess jum, varajna konsultazzjoni pubblika dwar il-**patt futur dwar il-klima** għar-reġjuni, għall-komunitajiet lokali, għas-soċjetà ċivili, għall-industrija u għall-iskejjel. Flimkien se jfasslu u jimpenjaw ruħhom għal sett ta' wegħdiet biex issir bidla fl-imġiba, mill-individwi sal-akbar multinazzjonali.

Fil-11 ta' Marzu, il-Kummissjoni Ewropea adottat **pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari**, bl-għan li l-ekonomija tagħna ssir aktar adattata għal futur ekoloġiku, li jsaħħaħ il-kompetittività tagħna filwaqt li jipproteġi l-ambjent, u li jagħti drittijiet ġodda lill-konsumaturi.

It-tieni pilastru tal-istrateġija l-ġdida tagħna għat-tkabbir hija spinta ġdida biex l-Ewropa ssir mexxej globali fl-innovazzjoni diġitali. Fil-81 jum, il-Kummissjoni ħabbret l-aġenda tagħha dwar it-**tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa**, li tiftaħ opportunitajiet ġodda għan-negozji, filwaqt li tiffoka fuq teknoloġija affidabbli għaċ-ċittadini. Dan it-tieni pilastru jinkludi kollox miċ-ċibersigurtà għall-edukazzjoni diġitali, u mis-supercomputing għall-kompetittività globali, b'żewġ strateġiji speċifiċi dwar id-***data* u l-intelliġenza artifiċjali**.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ddefinew ukoll approċċ komuni biex jiżguraw **l-iskjerament u t-tħaddim sigur tan-networks 5G** fl-UE, biex b'hekk titwessa' l-konnettività filwaqt li jinħolqu l-impjiegi u l-opportunitajiet. Skont l-istimi[1], l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika waħedhom mistennija joħolqu kważi 60 miljun impjieg ġdid madwar id-dinja fil-5 snin li ġejjin.

It-teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali, in-networks 5G, is-supercomputers u l-kompjuters kwantistiċi għandhom il-potenzjal li jirrivoluzzjonaw l-istil ta' ħajja tagħna, u li joħolqu **opportunitajiet ġodda u eċitanti** għall-industriji Ewropej kollha (bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex tgħin fl-analiżi tas-sintomi mediċi), li jżidu l-opportunitajiet għall-impjiegi, filwaqt li jtejbu l-kompetittività globali tal-Ewropa.

Fl-20 ta' Mejju, ippreżentajna strateġija dwar il-bijodiversità komprensiva ġdida biex in-natura terġa' tibda tagħmel parti minn ħajjitna, u strateġija "mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema alimentari ġusta, tajba għas-saħħa u li tirrispetta l-ambjent. Iż-żewġ strateġiji jsaħħu lil xulxin, u jġħaqqdu flimkien in-natura, il-bdiewa, in-negozji u l-konsumaturi biex jaħdmu favur ġejjieni kompetittivament sostenibbli.

1 http://reports.weforum.org/future-of-jobs-2018



It-teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali, in-networks 5G, is-supercomputers u l-kompjuters kwantistiċi għandhom il-potenzjal li jirrivoluzzjonaw l-istil ta' ħajja tagħna, u li joħolqu opportunitajiet ġodda u eċitanti għall-industriji Ewropej kollha, li jżidu l-opportunitajiet għall-impjiegi, filwaqt li jtejbu l-kompetittività globali tal-Ewropa.

Madwar kwart tar-robots industrijali u tas-servizzi huma prodotti minn kumpaniji bil-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Ewropa. **Approċċ Ewropew għat-trasformazzjoni diġitali** japprofondixxi l-pedamenti demokratiċi tagħna, jirrispetta d-drittijiet fundamentali, u jikkontribwixxi għal ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u effiċjenti fir-riżorsi. Iċ-ċittadini jistgħu jħossuhom kunfidenti u emanċipati biss f'ambjent affidabbli li fih jafu li l-privatezza tagħhom hija rrispettata.

L-industrija Ewropea tista' tmexxi t-triq fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali. Fil-jum 101, il-Kummissjoni von der Leyen ippreżentat **strateġija industrijali** ġdida biex in-negozji Ewropej ikollhom is-saħħa jiksbu l-ambizzjonijiet tagħhom huma u jsaħħu l-kompetittività globali tagħhom.

**20 %**
tal-ekonomija totali tal-UE hija industriji Ewropej

**35**
miljun impjieg fl-industrija

**99 %**
tal-kumpaniji Ewropej huma intrapriżi żgħar u medji

**80 %**
tan-negozji ż-żgħar li jesportaw, ibigħu lil Stati Membri oħra

**Ħadd mhu se jitħalla jaqa' lura, la n-nisa u lanqas l-irġiel, la mil-Lvant, mill-Punent, min-Nofsinhar jew mit-Tramuntana, la ż-żgħażagħ u lanqas l-anzjani.**

**Suq uniku aktar integrat u li huwa kompletament funzjonali** jagħti l-opportunitajiet lin-negozji Ewropej u jiġġenera tkabbir annwali addizzjonali ta' EUR 183–269 biljun għas-settur tal-manifattura, u ta' EUR 338 biljun għas-servizzi. Dan jirrappreżenta żieda ta' madwar 12 % fil-prodott domestiku gross tal-UE. Is-suq uniku huwa storja ta' suċċess, u qed ikompli jipprovdi l-prosperità u l-opportunitajiet kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji tal-UE.

**Il-pedament tal-ekonomija Ewropea** huwa l-kapaċità li nirrikonċiljaw is-suq mal-aspett soċjali, it-tkabbir mal-ġustizzja, u l-innovazzjoni fixkiela mal-valuri ta' missirijietna. Fil-45 jum, il-Kummissjoni varat l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali – in-negozji u t-trade unions – dwar il-kwistjoni ta' **paga minima ġusta għall-ħaddiema** fl-UE, li hija pass ieħor lejn il-bini ta' Ewropa Soċjali b'saħħitha għal tranżizzjoni ġusta. Ħadd mhu se jitħalla jaqa' lura, la n-nisa u lanqas l-irġiel, la mil-Lvant, mill-Punent, min-Nofsinhar jew mit-Tramuntana, la ż-żgħażagħ u lanqas l-anzjani.



©Wikipedia

## TRASFORMAZZJONI LEJN KUMMISSJONI ĠEOPOLITIKA



L-Unjoni Ewropea għandha assi uniku fl-affarijiet globali – lil hinn mis-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħha: aħna "**setgħa ta' tlaqqigħ**" li m'hemmx oħra bħalha. Qegħdin fiċ-ċentru ta' network globali ta' alleanzi; aħna pilastru tas-**sistema multilaterali**. Nistgħu nlaqqgħu koalizzjonijiet kbar favur kawżi komuni, u nafu kif niġbru s-setgħat reġjonali u nazzjonijiet rivali madwar l-istess mejda.

Din is-setgħa ta' tlaqqigħ qegħednieha għas-servizz ta' sħabna fil-bżonn u tal-ġid komuni – kemm tul l-ewwel 100 jum tal-mandat tagħna, kif ukoll wara. Meta terremot devastanti ħarbat **l-Albanija**, immobilizzajna l-komunità internazzjonali kollha biex niġbru l-fondi għall-emerġenza u r-rikostruzzjoni. Pajjiżi li ġeneralment lanqas biss ikellmu 'l xulxin ingħaqdu favur kawża komuni.

**Meta faqqgħet il-pandemija, il-ħtieġa għal rispons koordinat globali kienet ovvja, u l-Kummissjoni von der Leyen esplorat modi ġodda biex tuża s-saħħa tal-UE li tlaqqa' lil partijiet differenti.**

Ħdimna mill-qrib ma' istituzzjonijiet multilaterali, mal-gvernijiet nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex niġbru riżorsi għal kura u għal vaċċin. Flimkien ma' din il-koalizzjoni internazzjonali diversa varajna l-**Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT)**, pjattaforma ta' kooperazzjoni globali biex taċċellera r-riċerka, l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ekwa tal-mediċini u, eventwalment, ta' vaċċin. Ħdimna id f'id mhux biss mal-**Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa** u ma' nazzjonijiet minn madwar id-dinja, iżda wkoll ma' atturi tas-saħħa globali, bħall-**Alleanza GAVI** u **CEPI**, u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħal Global Citizen. Kienet maratona ta' solidarjetà globali, u konna kburin li konna minn ta' quddiem biex isseħħ.

Permezz ta' din il-ħidma, żgurajna li t-trattamenti u vaċċin fil-futur ikunu **aċċessibbli wkoll għall pajjiżi bi dħul baxx**, li kieku ma jkunux kapaċi jħallsu. Huwa f'dan l-ispirtu li ngħaqadna fil-Faċilità COVAX, li għandha l-għan li tiggarantixxi aċċess ġust u ekwu għal vaċċin għal kull pajjiż fid-dinja. Li nieħdu ħsieb ħaddieħor, jagħmel lill-Ewropa wkoll b'saħħitha.

Sa mill-ewwel jum, il-Kummissjoni von der Leyen iddefendiet l-interessi u l-valuri Ewropej fix-xena internazzjonali – ħadmet biex issaħħaħ l-azzjoni klimatika, biex ma tħallix it-tilwim kummerċjali jikber, biex tindirizza l-kriżijiet fil-viċinat tagħna u biex tirriforma s-sistema multilaterali.

Il-President von der Leyen għażlet l-Afrika u l-kwartieri ġenerali tal-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa bħala d-destinazzjoni tal-ewwel żjara barranija tagħha. Fil-100 jum, ippreżentajna **strateġija mal-Afrika** ġdida biex nieħdu s-sħubija tagħna fil-livell li jmiss. L-istrateġija tipproponi li tingħata spinta lill-kooperazzjoni fl-oqsma tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi; it-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni diġitali; il-paċi, is-sigurtà u l-governanza; u l-migrazzjoni u l-mobilità.

Fis-67 jum, il-Kummissjoni adottat **metodoloġija ġdida għan-negozjati ta' adeżjoni fl-UE**, biex isiru aktar kredibbli, prevedibbli, u dinamiċi, b'direzzjoni politika aktar b'saħħitha. Dan witta t-triq biex il-Kunsill Ewropew jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-**Albanija** u mal-**Maċedonja ta' Fuq**, li l-abbozzi tal-oqfsa tan-negozjati tagħhom diġà ġew ippreżentati lill-Kunsill mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni Ewropea wriet solidarjetà sħiħa ma' sħabna fil-**Balkani tal-Punent** tul il-kriżi tal-coronavirus, u tat appoġġ immedjat u fit-tul, u inkludiethom f'bosta inizjattivi li normalment ikunu riżervati għall-Istati Membri.



Flimkien mal-mexxejja tas-sitt **sħab tal-Lvant** tagħna, qbilna fuq sett ġdid ta' prijoritajiet biex insawru t-tieni deċennju tas-Sħubija tal-Lvant. Din l-aġenda tista' tagħmel il-kontinent Ewropew kollu kemm hu aktar reżiljenti kontra kull tip ta' skoss, minn kriżijiet ekonomiċi sat-tibdil fil-klima.

Il-globalizzazzjoni mhijiex triq b'direzzjoni waħda. L-UE qed tisponsorja riforma bl-għeruq u x-xniexel tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**, preċiżament biex l-Unjoni tagħna tkun tista' tkompli taħsad l-opportunitajiet tal-ftuħ u l-integrazzjoni globali, hija u tindirizza l-vulnerabbiltajiet tas-sistemi ekonomiċi u politiċi tagħna.

Irridu nsibu ftehim li jsewwi s-**sistema tar-riżoluzzjoni tat-tilwim tad-WTO**. Madankollu, minħabba li s-sistema bħalissa ma taħdimx, il-Kummissjoni ddeċidiet li ssaħħaħ ir-regoli tagħha dwar l-infurzar tal-kummerċ: f'każ li jkun hemm tilwima kummerċjali, lesti li nużaw kontromiżuri li jipproteġu l-interessi Ewropej, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali.

## INĦARSU LIĊ-ĊITTADINI TAL-UE

Fl-ewwel 100 jum ukoll, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **l-istrateġija tagħha għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel** fl-Ewropa, b'mod partikolari biex tindirizza l-vjolenza u l-isterjotipi persistenti abbażi tal-ġeneru. Din l-istrateġija tippreżenta l-azzjonijiet ewlenin għall-perjodu 2020-2025 u tagħmel l-impenn li tiġi inkluża l-perspettiva tal-ugwaljanza fl-oqsma ta' politika kollha tal-UE.

Il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE tfisser il-**protezzjoni ta' saħħithom**. Qabel ma l-pandemija laqtet l-Ewropa, u kif imħabbar fil-linji gwida politiċi, fl-4 ta' Frar il-Kummissjoni Ewropea diġà kienet varat konsultazzjoni pubblika fl-UE kollha dwar il-**pjan Ewropew għall-ġlieda kontra l-kanċer**. Kull sena, fl-Unjoni Ewropea 3.5 miljun persuna ssirilhom dijanjosi tal-kanċer. Il-marda toqtol 1.3 miljun ruħ fis-sena, iżda l-evidenza turi li aktar minn 40 % tal-kanċers jistgħu jiġu evitati.

L-enfasi nbidlet drammatikament meta, fil-ġimgħat ta' wara, il-coronavirus infirex fl-Ewropa u kien ikkaratterizzat bħala pandemija. Il-mandat ħa direzzjoni differenti, u talab li tintwera tmexxija biex taffronta kriżi tas-saħħa pubblika, u li malajr saret kriżi ekonomika.




Ir-rwol tal-Ewropa fid-dinja bħala sieħeb kredibbli u fuq quddiem fl-iżvilupp u fil-ħidma umanitarja jkompli. **L-approċċ "Tim Ewropa"** tagħna – li jikkombina r-riżorsi u l-għarfien espert mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Istati Membri, u mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE – diġà ta frott ta' aktar minn **EUR 36 biljun** biex jindirizzaw ir-rispons ta' emerġenza u l-ħtiġijiet umanitarji konsegwenti, isaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-ilma u s-sanitazzjoni u tal-ikel, u jtaffu l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus madwar id-dinja.

# 2. Ir-rispons mingħajr preċedent tal-Ewropa għal kriżi mingħajr preċedent



Il-**pandemija tal-coronavirus** kienet xokk enormi għall-Ewropa kif ukoll fil-bqija tad-dinja. Dik li bdiet bi ftit każijiet iżolati malajr saret emerġenza li qed taffettwa lil kull pajjiż, reġjun u persuna. Mill-bidu tas-sena, tlifna kważi 150,000 ħajja fl-UE minħabba l-COVID-19; f'partijiet oħra tad-dinja, intilfu ħafna aktar ħajjiet.

Madankollu, ġew salvati mijiet ta' eluf ta' ħajjiet. Li kieku l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma ħadux azzjoni malajr u b'mod deċiżiv għall-**protezzjoni tal-ħajjiet u l-għajxien fl-UE**, it-traġedja kienet tkun ferm akbar. Il-ħaddiema tal-ewwel linja wettqu dmirijiethom erojkament, iċ-ċittadini aċċettaw li jagħmlu sagrifiċċji relatati mal-libertajiet fundamentali tagħhom, u ttieħdu miżuri mingħajr preċedent biex iwaqqfu t-tixrid tal-virus.

## L-Ewropa saret il-qalb tħabbat tas-solidarjetà dinjija.

L-Ewropa saret il-qalb tħabbat tas-solidarjetà dinjija. L-isptarijiet laqgħu u ttrattaw lill-pazjenti min-naħa l-oħra tal-fruntieri; l-Istati Membri ngħaqdu biex jixtru l-apparat mediku; it-timijiet tas-saħħa mobbli ġew skjerati biex jirrispondu għall-aktar ħtiġijiet urġenti; aktar minn 600,000 ċittadin tal-UE li nqabdu barra minn pajjiżhom ġew ripatrijati minn barra l-fruntieri tal-Unjoni Ewropea; u fil-livell Ewropew u nazzjonali, ġie mmobilizzat l-investiment pubbliku u privat biex jinstab vaċċin għal kulħadd madwar id-dinja. Il-kriżi wriet is-**solidarjetà Ewropea** fl-aqwa tagħha.

## Il-maġġoranza l-kbira tal-miżuri tas-saħħa pubblika, tal-mobilità, tat-turiżmu u tal-ekonomija kienu mfasslin biex jindirizzaw il-kriżi tas-saħħa pubblika immedjata direttament.

Il-Kummissjoni użat ir-riżorsi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiġġieled il-pandemija u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħha: minn Marzu 'l hawn, ġew adottati **828 miżura**, inklużi 373 deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat biex isalvaw il-kumpaniji Ewropej. Il-maġġoranza l-kbira tal-miżuri tas-saħħa pubblika, tal-mobilità, tat-turiżmu u tal-ekonomija kienu mfasslin biex jindirizzaw il-kriżi tas-saħħa pubblika immedjata direttament. Sadanittant, il-Kummissjoni ħadmet biex tagħmel l-ekonomiji, is-soċjetajiet u l-Unjoni tagħna aktar reżiljenti għall-isfidi tal-ġejjieni.




Bis-saħħa tar-Rispons Globali għall-Coronavirus, immexxija mill-Kummissjoni, b'kollox inġabru EUR 15.9-il biljun f'wegħdiet ta' donazzjonijiet.

## NIKKUMBATTU KRIŻI TAS-SAĦĦA DINJIJA

L-ewwel prijorità tagħna kienet li nsalvaw il-ħajjiet. Wassalna għajnuna meħtieġa b'urġenza permezz ta' bosta **pontijiet tal-ajru umanitarji** organizzati mill-Kummissjoni. Laqqajna l-Istati Membri biex flimkien jakkwistaw l-apparat mediku. Ġew stabbiliti riżervi tar-rescEU u ċentri ta' distribuzzjoni strateġiċi biex iservu ta' riżerva komuni Ewropea għal apparat mediku vitali. Apparat bħal ventilaturi respiratorji, maskri u diżinfettanti, li jsalvaw il-ħajjiet, ġew diretti miċ-**Ċentru Ewropew ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza** lill-Istati Membri li l-aktar kienu fil-bżonn.

Barra minn hekk, bis-saħħa tal-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza** l-ġdid, inxtraw madwar 10 miljun maskra biex jipproteġu lill-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tqassmu f'lottijiet tul is-sajf lill-pajjiżi li talbuhom. Bgħatna timijiet mediċi mill-kontinent kollu fi sptarijiet f'Milan u Bergamo fl-Italja. Raħħasna l-**importazzjonijiet mediċi** billi neħħejna d-dazji doganali. Għenna lix-**xjenzati** jiġbru u jaqsmu d-*data* tagħhom. Tajna riżorsi addizzjonali lill-**proġetti tar-riċerka** l-aktar promettenti. U permezz tal-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili** u ċ-**Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza** tiegħu, organizzajna u kkoordinajna kważi 369 titjira biex nirripatrijaw kważi 82,000 ċittadin tal-UE u 10,000 ċittadin ta' pajjiżi terzi li nqabdu barra minn pajjiżhom.

Fil-qasam tas-**saħħa pubblika**, l-UE kisbet dak li l-ebda Stat Membru ma seta' jikseb waħdu. Linji gwida dwar il-metodoloġiji tal-ittestjar u l-moviment liberu tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-apparat mediku u tat-tagħmir protettiv, flimkien mal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti volontarji, iggarantew li l-aħjar prattiki ġew kondiviżi u skalati. **Il-Pjan Direzzjonali Ewropew għat-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment tal-coronavirus** stabbilixxa prinċipji komuni u l-miżuri li jakkumpanjawhom biex il-ħruġ mil-lockdowns isir b'mod koordinat.

F'konformità mal-**istrateġija għall-vaċċini** tal-UE, il-Kummissjoni u xi Stati Membri għaddejjin f'negozjati intensivi ma' bosta entitajiet li qed jiżviluppaw il-vaċċini biex jibnu portafoll ta' vaċċini diversifikat għaċ-ċittadini tal-UE bi prezzijiet ġusti. U l-**komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istat ta' tħejjija tal-UE fuq medda qasira ta' żmien fil-qasam tas-saħħa għal tifqigħat tal-COVID-19** tal-Kummissjoni tindika l-miżuri ewlenin li se jittieħdu fix-xhur li ġejjin.

Il-Kummissjoni ssalvagwardjat l-integrità tas-**suq uniku**. Malli bdew jiffurmaw kjuwijiet twal ta' trakkijiet fil-punti tal-qsim tal-fruntieri fl-Ewropa, il-Kummissjoni ħolqot **is-sistema ta' "korsiji ħodor"** biex tiżgura li l-oġġetti essenzjali jkunu jistgħu jiġu ttrasportati bil-ħeffa mill-fruntieri u ħadet azzjoni kontra restrizzjonijiet interni sproporzjonati li kienu qed iwasslu għal nuqqasijiet ġodda fil-provvisti.

Tul dan kollu, l-UE pprovdiet kemm jista' jkun informazzjoni liċ-ċittadini tagħha. L-UE żviluppat għodda online ġdida – **"RE-open EU"** – li tiġbor l-informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet għall-ivvjaġġar, it-trasport u t-turiżmu madwar l-Istati Membri kollha. "RE-open EU" ntużat minn għaxriet ta' miljuni ta' nies fl-Ewropa u lil hinn minnha.

L-UE mexxiet ukoll ir-rispons globali għall-kriżi. Tul il-pandemija, il-President von der Leyen baqgħet f'kuntatt kostanti mal-mexxejja tal-G20 u ma' sħab internazzjonali oħra. Flimkien mal-**Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa** u bosta sħab oħra, waqqafna qafas kollaborattiv ġdid – l-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 – biex naċċelleraw **l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tilqim, trattamenti u testijiet**.

Bis-saħħa tar-Rispons Globali għall-Coronavirus, immexxi mill-Kummissjoni, b'kollox inġabru EUR 15.9-il biljun f'wegħdiet ta' donazzjonijiet.

Fl-4 ta' Mejju, il-Kummissjoni Ewropea varat sforz ta' donazzjonijiet dinji li sa tmiem dak ix-xahar kien ġabar **EUR 9.8 biljun** għall-aċċess universali għall-vaċċini, it-trattament u l-ittestjar għall-coronavirus, u appoġġ għas-sistemi tas-saħħa madwar id-dinja.

Aktar tard, fis-27 ta' Ġunju, fuq inizjattiva tal-President von der Leyen ma' Global Citizen, f'mument emblematiku ta' solidarjetà globali, is-summit u l-kunċert b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet "**Għan Globali: Ningħaqdu għall-ġejjieni tagħna**" laqqa' artisti, xjenzati u mexxejja globali biex jiżguraw l-aċċess universali għall-mediċini tal-coronavirus.

Dan għen biex jiġu mmobbilizzati EUR 6.15 biljun addizzjonali biex jiġi pprovdut **aċċess universali għat-tilqim**, trattament u ttestjar affordabbli tal-coronavirus, għat-tisħiħ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u għall-appoġġ għall-irkupru ekonomiku tal-pajjiżi vulnerabbli.

Sa issa, il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet it-taħditiet ma' sitt gruppi farmaċewtiċi, biex tikseb dożi ta' **vaċċin futur għall-Ewropej**.

Fl-azzjoni esterna tagħna kontra l-coronavirus, dejjem aġixxejna bħala **"Tim Ewropa"**. Dan ifisser li l-Kummissjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri ngħaqdu flimkien biex jiksbu sett kondiviż ta' għanijiet – indikat fil-komunikazzjoni dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19, li ġiet ippreżentata fil-bidu ta' April. Tim wieħed għal UE aktar b'saħħitha fl-affarijiet dinjija.

## INSEWWU L-EKONOMIJA U NĦEJJU GĦALL-ĠEJJIENI

Dik li bdiet bħala kriżi tas-saħħa pubblika ttrasformat ruħha fi skoss ekonomiku maġġuri. Biex tipprevjeni s-sensji tal-massa, il-Kummissjoni waqqfet strument Ewropew ta' EUR 100 biljun biex jappoġġa x-xogħol b'ħinijiet aqsar – **Appoġġ biex jittaffew ir-riskji ta' Qgħad f'Emerġenza** (SURE).

Biex tkompli ttaffi d-daqqa, il-Kummissjoni, kif imwiegħed fil-linji gwida politiċi tagħha, applikat il-flessibilità sħiħa tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u fiskali tal-UE, u għall-ewwel darba attivat il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-**Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** (CRII) – b'valur sa EUR 54 biljun – twaqqfu f'ħin rekord biex jipprovdu l-likwidità lin-negozji u l-appoġġ lis-settur tal-kura tas-saħħa.

**L-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus – b'valur sa EUR 54 biljun – twaqqfu f'ħin rekord biex jipprovdu l-likwidità lin-negozji u l-appoġġ lis-settur tal-kura tas-saħħa.**



**EUR 575 bn**
Miżuri nazzjonali li ttieħdu bis-saħħa tal-flessibilità tar-regoli baġitarji tal-UE (klawżola liberatorja ġenerali)

**EUR 100 bn**
SURE – Assistenza finanzjarja tal-UE għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar

**EUR 70 bn**
Appoġġ dirett mill-UE, inkluż CRII

**EUR 3,045 bn**
Miżuri nazzjonali ta' likwidità, inklużi skemi approvati bis-saħħa ta' regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat temporanji u flessibbli

**EUR 240 bn**
Appoġġ fil-Kriżi Pandemika tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għall-Istati Membri

**EUR 200 bn**
BEI – Finanzjament tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment għan-negozji

**Total: EUR 4.2 triljun**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha aġixxew b'mod riżolut biex **jappoġġaw lill-ħaddiema u lin-negozji**. Il-Kummissjoni skattat il-klawżola liberatorja ġenerali tal-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir** biex tagħti l-akbar flessibilità possibbli lill-Istati Membri, li se tippermettilhom jappoġġaw lil kulħadd – lis-sistemi u lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa tagħhom, kif ukoll lin-nies li ntlaqtu tant ħażin mill-kriżi. L-ammont mobilizzat sa issa laħaq **EUR 4.2 triljun**, li jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-prodott domestiku gross tal-UE.

Id-daqs tal-kriżi kien tali li minkejja rispons pubbliku rapidu u deċiżiv, l-ekonomija tal-UE xorta waħda se tesperjenza **reċessjoni** din is-sena. Il-miżuri meħtieġa biex jitrażżan it-tixrid tal-virus battew ir-ritmu tal-ħajja soċjali u ekonomika — f'xi każi, kważi waqqfuhom għalkollox. Fl-2020, l-ekonomija tal-UE mistennija li tiċkien bi 8.3 %. L-Istati Membri kollha ntlaqtu b'mod differenti, u dan iġib ir-riskju li jinħolqu diverġenzi bejn l-ekonomiji tagħna. Fl-istess ħin, kulħadd se jħoss l-impatt tal-kriżi.

Fl-2020, il-**qgħad** mistenni li jitla' għal 9 % fl-UE, u se jolqot sproporzjonatament lin-nisa, liż-żgħażagħ, lill-ħaddiema bi ftit kwalifiki u dawk b'impjieg temporanju. Il-faqar, l-esklużjoni soċjali, u l-inugwaljanzi mistennija li jiżdiedu; dan jissottolinja l-ħtieġa għal **irkupru inklużiv u ġust** għal kulħadd. L-ekonomija mistennija tirpilja għat-tkabbir pożittiv fl-2021, iżda l-prospettiva għadha inċerta u l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika se tkun kruċjali. L-UE mhux se tieħu riskji: il-pjan ta' rkupru propost mill-Kummissjoni ma għandux preċedent la fit-tifsila u lanqas fl-ambizzjoni tiegħu.

## L-UE mhux se tieħu riskji: il-pjan ta' rkupru propost mill-Kummissjoni ma għandux preċedent la fit-tifsila u lanqas fl-ambizzjoni tiegħu.

Il-**pjan ta' rkupru għall-Ewropa** tal-Kummissjoni se jsewwi l-ħsara u jiżgura l-ġejjieni għall-ġenerazzjoni li jmiss. Fil-Kunsill Ewropew ta' Lulju, il-mexxejja tal-UE, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, qablu dwar pakkett ta' rkupru kbir. Dan huwa kompost mill-**baġit fit-tul tal-UE**, b'valur ta' EUR 1,074 biljun, maqbul mill-Kunsill Ewropew, soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew, miżjud bi strument ta' rkupru addizzjonali ta' EUR 750 biljun – **NextGenerationEU**. Dan se jappoġġa lill-Istati Membri biex jagħtu spinta lill-irkupru, jiffaċilitaw l-investiment pubbliku u privat b'enfasi fuq it-tranżizzjonijiet tewmin, u jgħin biex jitgħallmu mill-kriżi.

Il-Kummissjoni se tissellef **EUR 750 biljun** fis-swieq finanzjarji, u se tgħaddi l-fondi lill-Istati Membri permezz tal-baġit tal-UE, bħala għotjiet u self. Skont simulazzjoni b'mudell, huwa stmat li l-investiment mobilizzat se **jgħolli l-livelli reali tal-PDG tal-UE** b'madwar 1.75 % fl-2021 u l-2022, li se jitla' għal 2.25 % sal-2024. Din il-mewġa ta' investiment se toħloq sa 2 miljun impjieg sal-2022. **Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** ta' EUR 672.5 biljun se tappoġġa l-investiment u r-riformi essenzjali fl-Istati Membri permezz ta' għotjiet u self.

Billi qed tivvinta mod ġdid ta' kif taħdem, l-Unjoni Ewropea qed tiskopri mill-ġdid il-vokazzjoni vera tagħha. Tajna **qawwa mingħajr preċedent lill-baġit tal-UE**. Qbilna li nużaw il-klassifikazzjoni tal-kreditu b'saħħitha ħafna tal-Kummissjoni Ewropea biex niġbru r-riżorsi li se jintużaw mill-Istati Membri kollha, inklużi dawk li l-aktar għandhom bżonn u li għandhom kapaċità ta' nfiq limitata. Billi tagħmel dan, l-Unjoni Ewropea qed tagħti ħajja ġdida lill-idea oriġinali tal-fundaturi: il-prosperità f'kull pajjiż Ewropew tiddependi fuq il-prosperità fil-pajjiżi Ewropej l-oħra kollha. **L-unità ta' bejnietna hija s-saħħa tagħna.**



Il-**baġit imsaħħaħ għall-2021–2027** se jixpruna t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li se jibnu ekonomija aktar ġusta u reżiljenti. Aktar minn nofs il-pakkett baġitarju se jiġi investit fil-**modernizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea** biex nagħmluha adattata għall-għan tagħna li jkollna n-newtralità klimatika sal-2050, kif ukoll għall-era diġitali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni aġġustat il-**programm ta' ħidma tagħha għall-2020** b'rispons għall-kriżi. Filwaqt li tiffoka fuq l-inizjattivi li jwasslu rispons immedjat u b'impatt għall-kriżi, il-Kummissjoni qed iġġib ir-riżultati wkoll rigward il-prijoritajiet strateġiċi tagħha.

**Il-prosperità f'kull pajjiż Ewropew tiddependi fuq il-prosperità fil-pajjiżi Ewropej l-oħra kollha. L-unità ta' bejnietna hija s-saħħa tagħna.**

## PAKKETT BAĠITARJU 2021–2027



# 3. Ewropa aħjar wara l-pandemija

L-isfidi ġenerazzjonali tagħna – it-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali – saru saħansitra aktar urġenti issa milli kienu qabel bdiet il-kriżi. Issa huwa ż-żmien għat-**tranżizzjoni ekoloġika**. Il-mewġa ta' investiment li wasalna biex invaraw se jkollha bħala l-boxxla tagħha l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Bl-istess mod, il-kriżi tal-coronavirus u l-lockdowns li segwew urew li l-aċċess għas-**soluzzjonijiet diġitali** huwa essenzjali kemm għall-pubbliku kif ukoll għan-negozji, u li n-nuqqas tagħhom jista' jissarraf f'sors ta' inugwaljanzi ġodda.

Il-ħidma fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni qatt ma waqfet, minkejja l-pandemija. Fl-20 ta' Mejju, il-Kummissjoni ppreżentat **strateġija komprensiva ġdida dwar il-bijodiversità** biex in-natura terġa' tibda tagħmel parti minn ħajjitna, u **l-istrateġija "mill-Għalqa sal-Platt"** għal sistema alimentari ġusta, tajba għas-saħħa u li tirrispetta l-ambjent. Iż-żewġ strateġiji jsaħħu lil xulxin, u jġħaqqdu flimkien in-natura, il-bdiewa, in-negozji u l-konsumaturi biex jaħdmu favur ġejjieni kompetittivament sostenibbli.

Fit-8 ta' Lulju, il-Kummissjoni adottat l-**istrateġiji tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u għall-idroġenu**. Din tal-aħħar tindirizza kif jista' jiġi ttrasformat il-potenzjal tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, tat-trasport, tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tal-bini madwar l-Ewropa f'realtà, permezz ta' investimenti, regolamentazzjoni, il-ħolqien tas-swieq, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Il-ħidma biex niksbu n-newtralità klimatika sal-2050 tkompli.

Il-viżjoni tal-Kummissjoni von der Leyen kienet li ssir waħda **ġeopolitika**. Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa akbar minn qatt qabel li dan isir: l-UE tista' tirkupra b'suċċess biss jekk sħabna madwar id-dinja jirkupraw ukoll. Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-istituzzjonijiet multilaterali, mal-gvernijiet nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex tiġġieled il-pandemija. Mexxejna l-**kooperazzjoni globali** biex niġbru r-riżorsi għal kura u għal vaċċin. Bħala prinċipju li mexxiena kellna t-twemmin li l-kura tas-saħħa tajba trid tkun dritt universali, mhux privileġġ għal dawk li jistgħu jaffordjawha.

**Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-istituzzjonijiet multilaterali, mal-gvernijiet nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex tiġġieled il-pandemija.**

Kull fejn kien possibbli, fittixna soluzzjonijiet kooperattivi, u ma qgħadniex lura milli nitkellmu bil-lingwa tas-sodezza kull meta kien meħtieġ. Ħdimna biex inqiegħdu r-relazzjoni tagħna maċ-**Ċina** fuq pedamenti aktar sodi, b'aktar reċiproċità u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-kummerċ, fl-investiment, u aktar. Is-**Summit UE-Ċina** kien opportunità biex napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna – mill-kriżi tal-coronavirus sal-azzjoni klimatika – u biex niddiskutu dwar in-nuqqasijiet ta' qbil tagħna, inkluż dwar id-drittijiet umani u s-sitwazzjoni f'**Hong Kong**.

Appoġġajna l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-**waqfien globali mill-ġlied**, u qed inkomplu nieħdu rwol ta' tmexxija fil-mobilizzazzjoni tal-komunità internazzjonali dwar sitwazzjonijiet ta' tħassib, u organizzajna b'mod konġunt konferenzi ewlenin dwar il-**Venezwela**, is-**Sudan** u s-**Sirja**.

Il-Kummissjoni von der Leyen ħadmet mingħajr heda biex tilħaq ftehim dwar sħubija ġdida mar-**Renju Unit**. Ħadna sehem kostruttiv fin-negozjati biex naslu għal riżultat li jkun ta' benefiċċju reċiproku u biex inħarsu l-**interessi Ewropej**. Fl-istess ħin, l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-**Ftehim dwar il-Ħruġ** tibqa' l-prijorità tagħna.

Ir-rwol tal-UE fid-dinja bħala sieħeb kredibbli u fuq quddiem fl-iżvilupp u fil-ħidma umanitarja jkompli. **L-approċċ "Tim Ewropa"** tagħna – li jikkombina r-riżorsi u l-għarfien espert tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Istati Membri, u tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE – diġà ta frott ta' aktar minn **EUR 36 biljun** biex jindirizzaw ir-rispons ta' emerġenza u l-ħtiġijiet umanitarji konsegwenti, isaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-ilma u s-sanitazzjoni u tal-ikel, u jtaffu l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni Ewropea żammet liċ-**ċittadini tal-UE** fil-qalba tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha u ħarset l-interessi tagħhom b'bosta modi, partikolarment fl-oqsma li ġejjin.

Adottat l-**ewwel strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi li qatt kien hemm** fl-24 ta' Ġunju, bl-għan ġenerali li jiġi żgurat li kull vittma ta' reat kriminali tkun tista' toqgħod kompletament fuq id-drittijiet tagħha, irrispettivament minn fejn fl-UE jkun sar ir-reat. L-istrateġija l-ewwel tiffoka fuq li tagħti s-setgħa lill-vittmi li jirrapportaw ir-reati, li jitolbu kumpens u fl-aħħar mill-aħħar jirkupraw mill-konsegwenzi tar-reat; u t-tieni, li naħdmu flimkien mal-atturi rilevanti kollha għad-drittijiet tal-vittmi.

Fl-1 ta' Lulju, il-Kummissjoni Ewropea varat l-**appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ**, pont għall-impjiegi għall-ġenerazzjoni li jmiss, b'enfasi fuq it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni, l-apprendistati, l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ, u l-finanzjament.

Is-sigurtà hija kklassifikata bħala l-ogħla prijorità għan-nies fl-UE, u l-akbar tħassib għalihom. Mill-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għaċ-ċibersigurtà, mill-prevenzjoni ta' theddid ibridu għaż-żieda fir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tagħna, l-**istrateġija dwar l-unjoni tas-sigurtà tal-UE** li ġiet żvelata fl-24 ta' Lulju se tgħin biex issaħħaħ is-sigurtà fl-ambjent fiżiku u diġitali tagħna tul il-ħames snin li ġejjin. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll **Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**.

Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel **strateġija tal-UE biex tipproteġi lit-tfal mill-abbuż sesswali**, reat kriminali li żdied b'mod evidenti tul il-kriżi tal-coronavirus minħabba l-iżolament fiżiku u attività online akbar, flimkien ma' strateġiji ġodda kontra d-drogi u l-armi tan-nar illegali, li t-tnejn li huma jalimentaw il-kriminalità organizzata.



Il-Kummissjoni intensifikat il-**ġlieda kontra l-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija** billi ħadmet flimkien mal-pjattaformi online, mas-soċjetà ċivili, mal-akkademja u mar-riċerkaturi. Flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, indikat x'kienu l-isforzi kollha tagħna u x'inhuma l-passi li jmiss permezz ta' komunikazzjoni konġunta. Dan mhux biss se jsaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fl-Unjoni, iżda se jipproteġi lil min jgħix fl-UE mill-ħsara ekonomika u fiżika potenzjali dovuti għall-qerq u kuri foloz għall-coronavirus.

Ix-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea fit-12-il xahar li għandna quddiemna se jkun kruċjali għas-snin u d-deċennji li ġejjin. Il-pandemija tal-coronavirus uriet għal darb'oħra li **s-saħħa tal-Ewropa tinstab fl-unità tagħha** u li l-isfidi l-kbar li qed naffaċċaw huma akbar minn dak li l-ebda pajjiż waħdu ma jista' jaffaċċa.

L-investimenti permezz tal-prijoritajiet strateġiċi tagħna se **jixprunaw l-irkupru tagħna u jibnu Unjoni aktar b'saħħitha** għall-ġenerazzjoni li jmiss. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-ħidma tagħha fuq il-prijoritajiet stabbiliti fl-ewwel 100 jum, partikolarment it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. **NextGenerationEU** u l-**baġit fit-tul il-ġdid tal-UE** se jagħtuna l-mezzi biex nilħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini. Ix-xhur u s-snin li ġejjin jirrappreżentaw mument kruċjali fl-istorja Ewropea u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

## Ix-xhur u s-snin li ġejjin jirrappreżentaw mument kruċjali fl-istorja Ewropea u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Fil-bidu tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni kienet qed taħseb f'futur ekoloġiku, prosperu, u f'saħħtu. Issa huwa l-mument biex l-Ewropa tkompli għaddejja, biex dak il-futur tagħmlu realtà, u biex twettaq l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħha.

# KRONOLOĠIJA

Didaskalija

- Prijoritajiet politiċi
- Rispons għall-kriżi tal-coronavirus
- Negozjati mar-Renju Unit

# 2019

## DIĊEMBRU



### 11.12

Tnedija tal-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, li jistabbilixxi pjan direzzjonali dwar kif l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050

# 2020

## JANNAR

### 8.1

Laqgħa bejn il-President **Ursula von der Leyen** u l-Prim Ministru tar-Renju Unit **Boris Johnson**



### 14.1

**Il-pjan ta' investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew** biex jimmobbilizza l-finanzjament tal-UE u jistimula l-investimenti pubbliċi u privati meħtieġa għat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima, ekoloġika u inklużiva

Il-**Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta**, għodda ewlenija biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sseħħ b'mod ġust, li ma jħalli 'l ħadd jibqa' lura

L-ewwel fażi ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali – negozji u trade unions – dwar **paga minima ġusta** għall-ħaddiema fl-UE



### 19.1

Il-Konferenza Internazzjonali ta' Berlin dwar il-**Libja**




### 21.1

Laqgħa bejn il-President **Ursula von der Leyen** u l-President tal-Istati Uniti **Donald Trump**



### 29.1

**Networks tal-5G siguri:** Il-Kummissjoni tapprova s-sett ta' għodod tal-UE li l-Istati Membri laħqu ftehim dwarhom

### 31.1

Ir-**Renju Unit** joħroġ mill-Unjoni Ewropea

## FRAR

L-UE tibda tiffaċilita r-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini lejn l-Ewropa, bħala parti mir-rispons tagħha għall-pandemija tal-coronavirus

### 3.2

Il-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar direttivi għan-**negozjar ta' sħubija ġdida mar-Renju Unit**

### 4.2

Konsultazzjonijiet pubbliċi biex jissawwar il-pjan ta' azzjoni tal-Ewropa għall-**ġlieda kontra l-kanċer**



### 5.2

Metodoloġija ġdida għan-**negozjati tal-adeżjoni mal-UE** – biex isiru aktar kredibbli, prevedibbli u dinamiċi, bħala l-ewwel element fl-istrateġija mġedda tat-tkabbir tal-Kummissjoni

### 17.2

L-UE u d-donaturi internazzjonali jwiegħdu EUR 1.15 biljun għar-rikostruzzjoni wara t-**terremot fl-Albanija**






### 19.2

Pubblikazzjoni tal-aġenda biex **jissawwar il-futur diġitali tal-Ewropa**, strateġija dwar id-*data* u White Paper dwar l-intelliġenza artifiċjali, li jiftħu opportunitajiet ġodda għan-negozji, filwaqt li jiffukaw fuq teknoloġija affidabbli għaċ-ċittadini

### 25.2

Il-Kummissjoni Ewropea tirċievi l-mandat biex tibda n-**negozjati mar-Renju Unit**



## MARZU

### 4.3

Bil-**liġi Ewropea dwar il-klima**, il-Kummissjoni tipproponi mira legalment vinkolanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050



### 5.3

**Strateġija ġdida dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** għall-2020-2025 tistabbilixxi azzjonijiet ewlenin biex tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Ewropa



**9.3**

Strateġija ġdida tal-UE twitti t-triq għal **sħubija aktar b'saħħitha u aktar ambizzjuża mal-Afrika**



**10.3**

**Strateġija industrijali** ġdida tħejji t-trasformazzjonijet ekoloġiċi u diġitali tal-industrija Ewropea



**11.3**

**Pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkolari** għandu l-għan li joħloq Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva

**13.3**

Il-Kummissjoni tappella għal rispons ekonomiku kkoordinat deċiżiv għall-**kriżi tal-coronavirus**

L-**Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** (CRII) il-ġdida tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw ir-rispons individwali tagħhom

**16.3**

**Panel konsultattiv dwar il-coronavirus** jiġbor flimkien lill-epidemjoloġisti u lill-virologi minn Stati Membri differenti

Tiġi introdotta restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali **lejn l-UE** (sat-30 ta' Ġunju)



**18.3**

Il-Kummissjoni tipproponi **objettivi politiċi ġodda għas-Sħubija tal-Lvant**

**19.3**

**Qafas temporanju** jippermetti li l-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà sħiħa skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-coronavirus

**20.3**

Tiġi attivata l-klawżola liberatorja ġenerali tal-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**

**23.3**

Jiġu implimentati l-"**Korsiji Ħodor**" biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali



**26.3**

Il-membri tal-Kunsill Ewropew jippermettu li jinbdew id-**diskussjonijiet dwar l-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq**

**30.3**

L-ewwel laqgħa tal-**Kumitat Konġunt bejn l-UE u r-Renju Unit** dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ

## APRIL

**2.4**

Tnedija tal-istrument il-ġdid għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza **(SURE)** b'valur ta' EUR 100 biljun



**15.4**

Pjan direzzjonali Ewropew juri t-triq lejn **it-tneħħija komuni tal-miżuri ta' konteniment**

**20.4**

Ir-**rispons globali tal-UE** għall-coronavirus, biex l-isforzi tal-pajjiżi sħab jiġu megħjuna jindirizzaw il-pandemija, bil-kontribuzzjoni tal-UE li tilħaq il-EUR 15.6-il biljun

**24.4**

**It-tieni ċiklu ta' negozjati** dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit



**29.4**

Pakkett li jappoġġa lis-**settur tat-trasport**



**30.4**

Miżuri li jappoġġaw lis-**settur agrikolu**

## MEJJU



**4.5**

Waqt il-konferenza b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet b'**Rispons Globali għall-Coronavirus**, inġabru EUR 7.4 biljun f'wegħdiet ta' donazzjonijiet mingħand donaturi madwar id-dinja għal aċċess universali għall-vaċċini



**6.5**

Vidjokonferenza li saret bejn il-mexxejja tal-UE u tal-**Balkani tal-Punent**

**7.5**

Pjan ta' azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar **il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**



**8.5**

Il-**pont tal-ajru umanitarju tal-UE** twaqqaf biex jittrasporta lill-ħaddiema umanitarji u l-provvisti ta' emerġenza lil uħud mill-aktar żoni kritiċi madwar id-dinja

## 13.5

Il-Kummissjoni tippreżenta gwida dwar kif jerġa' jibda l-ivvjaġġar b'mod sigur u **jkun hemm rilanċ tat-turiżmu fl-Ewropa** mill-2020 'il quddiem

## 15.5

**It-tielet ċiklu** tan-negozjati mar-Renju Unit



## 20.5

L-**istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030** tindirizza l-ħames kawżi ewlenin għat-telf tal-bijodiversità, u tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE

L-**istrateġija "mill-għalqa sal-platt"** biex tippermetti t-tranżizzjoni għal sistema alimentari sostenibbli tal-UE li tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel u tiżgura aċċess għal dieti tajbin għas-saħħa



## 26.5

Issir laqgħa permezz ta' vidjokonferenza bejn il-mexxejja **tal-UE u tal-Ġappun**



## 27.5

Il-Kummissjoni tippreżenta strument ta' rkupru ġdid, **NextGenerationEU**, inkorporat f'baġit fit-tul tal-UE b'saħħtu, modern u mġedded

# ĠUNJU

## 5.6

**Ir-raba' ċiklu** tan-negozjati mar-Renju Unit

## 15.6

Laqgħa ta' livell għoli mal-**President von der Leyen**, mal-President **Michel** u mal-President **Sassoli** u mal-Prim Ministru tar-Renju Unit **Boris Johnson**



## 17.6

**L-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini**

White Paper dwar **il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin**

Tiġi stabbilita l-pjattaforma web "**Re-open EU**", li fiha informazzjoni essenzjali li tippermetti rilanċ sigur tal-moviment liberu u tat-turiżmu madwar l-Ewropa




## 18.6

Vidjokonferenza bejn il-mexxejja tas-**Sħubija tal-Lvant**



22.6

It-22 **Summit bejn l-UE u ċ-Ċina** jsir permezz ta' vidjokonferenza

24.6

Tnedija tal-**istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi** (2020-2025)



27.6

**Is-summit b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet bl-isem ta' "Għan Globali: Ningħaqdu għall-Ġejjieni tagħna"**, organizzat mill-Kummissjoni Ewropea u Global Citizen, jimmobilizza EUR 6.15 biljun f'finanzjament addizzjonali bħala għajnuna fl-iżvilupp u fl-iżgurar ta' aċċess ekwu għat-tilqim, it-testijiet u t-trattamenti tal-coronavirus



30.6

**Il-mexxejja tal-UE u tar-Repubblika tal-Korea** jiddiskutu kif jistgħu jrawmu l-kooperazzjoni globali fil-fażi ta' rkupru

**Ir-ripatrijazzjoni ta' kważi 78,000 ċittadin tal-UE** u **10,000 ċittadin mhux tal-UE** lejn l-Ewropa tiġi ffaċilitata bil-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili.

## LULJU

1.7

Il-pakkett tal-**Appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażagħ** huwa bbażat fuq 4 elementi importanti: it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, tal-politika ta' taħriġ, tal-apprendistati u miżuri addizzjonali

L-**aġenda Ewropea għall-ħiliet** għall-kompetittività sostenibbli, ġustizzja soċjali u reżiljenza tippreżenta objettivi għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid għall-5 snin li ġejjin



2.7

**Ċiklu ristrett** ta' negozjati mar-Renju Unit






## 8.7

Nixprunaw ekonomija newtrali għall-klima: **strateġija tal-UE dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija** tiġi ppubblikata

**Strateġija għall-idroġenu** għal Ewropa newtrali għall-klima tiġi ppubblikata

Issir l-ewwel laqgħa interistituzzjonali dwar **NextGenerationEU** u l-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027

## 9.7

Il-Kummissjoni tadotta komunikazzjoni biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali, lin-negozji u liċ-ċittadini jħejju ruħhom għall-bidliet inevitabbli li se jfeġġu fi **tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni mar-Renju Unit**



## 15.7

Is-Summit bejn **l-UE u l-Indja** jsir permezz ta' vidjokonferenza

## 21.7

Il-mexxejja tal-UE jaqblu dwar **il-pjan ta' rkupru u l-qafas finanzjarju pluriennali** għall-2021–2027

## 23.7

**Is-sitt ċiklu** tan-negozjati mar-Renju Unit

# AWWISSU



## 4.8

Sigħat biss wara l-**isplużjoni f'Bejrut**, jiġi attivat il-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili**. Għoxrin Stat Membru tal-UE u Stati parteċipanti rreaġixxew b'assistenza ta' emerġenza mhux finanzjarja, inkluż kważi 300 espert tat-tfittxija u s-salvataġġ

## 21.8

**Is-seba' ċiklu** tan-negozjati mar-Renju Unit

## 27.8

Il-Kummissjoni tiffirma **l-ewwel kuntratt tagħha ma' kumpanija farmaċewtika**, AstraZeneca, li se jippermetti x-xiri ta' vaċċin kontra l-COVID-19 għall-Istati Membri kollha tal-UE



## 31.8

Il-Kummissjoni tikkonferma l-interess tagħha li tipparteċipa fil-**Faċilità tal-Aċċess Globali għal Vaċċini kontra l-COVID-19 (COVAX)** għal aċċess ekwu għal vaċċini affordabbli kontra l-COVID-19 u, bħala parti minn sforz ta' Tim Ewropa, tħabbar kontribuzzjoni ta' EUR 400 miljun f'garanziji biex tappoġġa lill-COVAX

# SETTEMBRU

## 10.9

**It-tmien ċiklu** tan-negozjati mar-Renju Unit

## PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI MILL-1 TA' DIĊEMBRU 2019

**64 proposta maqbula**



**210 proposta pendenti**
(li tħabbar li 19 minnhom se jiġu rtirati)



**36 proposta**
**pendenti** b'rabta mar-rispons għall-coronavirus



### RISPONS GĦALL-CORONAVIRUS

**828 deċiżjoni**
u atti leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi oħrajn li jużaw proċeduri orali, bil-miktub u ta' awtorizzazzjoni, inkluż
**373 deċiżjoni tal-għajnuna mill-Istat**



Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

© L-Unjoni Ewropea, 2020

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur f'rabta mal-elementi li ġejjin:
paġna 32, Ikoni - sors: flaticon.com;
paġna 39, Ikoni - sors: flaticon.com;
paġna 35: Laqgħa ta' protesta f'Minsk, il-Belarus - sors: Unsplash.com;
paġna 50 - 27.5, Dirgħajn in-nannu - sors: Unsplash.com;
paġna 51 - 27.6, Miley Cyrus - sors: commons.wikimedia.org;

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

| | | | |
|---|---|---|---|
| PRINT | ISBN 978-92-76-21268-3 | doi:10.2775/871877 | NA-03-20-540-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-76-21238-6 | doi:10.2775/279509 | NA-03-20-540-MT-N |